# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Mejju, 2023**

**Numru 2**

**Rikors Numru 228/20TA**

**Joseph Bartolo (ID 20056M)**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat u l-Awtorita` tal-Artijiet għall-kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Joseph Bartolo (ir-rikorrent) ippreżentat fl-14 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

"1. ILLI din hija talba ghal rimedju kostituzzjoni a bazi ta' l-art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem (Il-Konvenzjoni) u l-art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Il-Kostituzzjoni);

2. ILLI n-narrativa ta' fatti fil-qosor hija illi:

(a) In forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef datat 12 ta' Marzu 1982 Joseph Bartolo akkwista bicca art bil-*farmhouse* fuqha bla numru msemmija Dan Toucher, tal-kejl b'kollox ta' ghaxar tomniet punt erbgha hamsa ekwivalenti ghal hdax-il elf seba' mija u tnejn u erbghin metri kwadri jew kejl verjuri, liema art kienet parti mill-artijiet maghrufa bhala Tas-

Sghajtar sive tal-Lhudi u li kienet *tikkonfina mix-Xlokk ma' Labour Avenue, min-Nofsinar u il-Lbic mal*-kumplament ta' l-artijiet maghrufa bhala Tas-Sghajtar sive tal-Lhudi soggetta l-art akkwistata minnu ghal nofs decimi arcidjakonali ta' tomna u tlett sieghan mahlut, mill-bqija libera u franka u bil-gustijiet u appartenenzi kollha, inkluz bir adjecenti mal-*farmhouse* imsemmija, u dan ghall-prezz komplessiv ta' erbat elef u sebgha mitt lira (Lm4,700);

(b) Permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Lulju 1984, il-Kummissarju tal-Artijiet ghall-finijiet u effetti kollha ta' l-Att dwar Arji ghall-Izvilupp tal-Bini ta' l-1983, u partikolarment a tenur ta' l-Artikolu 10 ta' l-imsemmi Att innotifika lil Joseph Bartolo b'kopja ta' risoluzzjoni approvata mill-Parlament fl-4 ta' Lulju 1983 rigwardanti diversi arji ghall-izvilupp tal-bini flimkien ma' pjanta ta' arja fin-Naxxar, fejn allura kien hemm sitwata wkoll parti sostanzjali mill-art li kien hekk akkwista l-istess Joseph Bartolo;

(c) Mit-tehid ta' l-art proprjeta` ta' Joseph Bartolo gie eskluz biss ir-razzett minnu akkwistat flimkien ma' l-art, u dana billi dan ir-razzett kien fi aktar minn tmintax-il metru kwadru u b'hekk ma setax jittiehed a tenur ta' l-Artikolu 8 ta' l-Att dwar l-Arji ghall-izvilupp tal-Bini. Ir-raba ittiehdet kollha pero` eventwalment gew ritornati lilu zewg porzjonijiet art madwar ir-razzett, adjacenti mar-razzett, parti 'l fuq u parti 'l isfel minnu (Annessi u mmarkati Dok A u Dok B).

(d) L-art li ittiehdet mill-pussess ta' Joseph Bartolo giet trasferita mill-Gvern a favur terzi u bdiet tigi minnhom zviluppata;

(e) L-Artikolu 6 ta' l-Att dwar l-Arji ghall-Izvilupp tal-Bini kien jipprovdi illi kull art li tittiehed bis-sahha ta' l-istess Att ghandha tigi stmata ghall-finijiet tal-kumpens dovut taht l-Artikolu 5 ta' l-Att bhala raba' jew moxa, skond il-kaz, izda, l-Artikolu 7 tal-istess Att jipprovdi li jekk l-art tkun inkisbet qabel l-14 ta' Frar 1983 bi prezz oghla mill-istima rizultanti skond l-Att, il-kumpens jinhadem b'mod iehor;

(f) B'decizjoni tat-28 ta' Jannar 1997 il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet illikwida l-kumpens dovut lil Joseph Bartolo jsostni li dan il-kumpens b'ebda mod ma jirrispekkja l-kumpens gust illi dovut ghat-tehid ta' l-istess art (Annessa u mmarkata Dok C);

(g) Joseph Bartolo sostna li l-Att dwar l-Arji ghall-Izvilupp tal-Bini, Att Nru. 1 ta' 1983, jilledi kemm id-dritt sancit fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,ghall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta bla kumpens xieraq kif ukoll d-dritt sancit fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 u talab rimedji opportuni;

(h) Joseph Bartolo ghalhekk istitwixxa l-proceduri kostituzzjonali fl-ismijiet Joseph Bartolo vs Onorevoli Prim Ministru et, Rik. Nru: 581/1997 fejn talab lill-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li kien hemm

ksur tal-jeddijiet tieghu imharsa taht l-Art 37 tal-Kostituzzjoni u l-Art 1 ta' l-Ewwel Protokoll;

(i) Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tat-28 ta' Gunju 2007, il-Qorti ma sabitx li kien hemm ebda ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent imharsa mill-Art.37 tal-Kostituzzjoni u l-Art.1 ta' l-Ewwel Protokoll, u cahdet it-talbiet tieghu (Annessa u mmarkata Dok D). Din giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza tas-27 ta' Frar, 2009 (Annessa u mmarkata Dok E).

4. ILLI, ghalhekk jirrizulta li l-esponent diga' pprova inutilment illi jagixxi fuq din is-sitwazzjoni, fejn intavola l-proceduri kostituzzjonali suriferiti, izda per konsegwenza qamet issa l-kwistjoni dwar id-dewmien fil-proceduri bhala vjolazzjoni tad-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli. Dan peress illi l-ewwel proceduri ghal-likwidazzjoni ta' kumpens gew istitwiti mir-rikorrenti quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet fl-4 ta' Gunju 1985, u kien permezz ta' decizjoni tat-28 ta' Jannar 1997 li l-Bord illikwida l-kumpens li jmiss lir-rikorrent fis-somma ta' erbat elef u seba' mitt Lira (Lm4,700).

5. ILLI l-esponent qed jipproponi issa talba ghal ilment fuq (i) dewmien fil-process ghal-likwidazzjoni tal-kumpens mill-Bord (ii) konsegwenti nuqqas ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli u (iv) konsegwenti vjolazzjoni tad-dritt ta' tgawdija pacifika tal-beni u possessjonijiet tieghu;

6. ILLI ghandu jkun car illi l-effett tad-dewmien imur ferm oltre l-iskomdu, tensjoni u incertezza tad-dewmien fil-process. Dawn incidew fuq il-hajja tal-persuna u l-proprjeta` tieghu: fuq il-hajja tal-persuni ghad-dritt tat-tgawdija tal-hajja personali u familjari provdut fl-art 8 tal-Konvenzjoni, u d-dritt tat-tgawdija pacifika tal-beni hija kif konsegwenza tad-dewmien fid-decizjoni ghal-likwidazzjoni tal-kumpens.

GHALDAQSTANT l-esponenti, filwaqt li jaghmlu referenza ghas-suespost, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet fuq esposti saret u ssib vjolazzjoni ta' a bazi ta' l-art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamnetali tal-Bniedem (Il-Konvenzjoni), l-art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Il-Kostituzzjoni) u l-art 1 ta' l-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u l-art 8 tal-Konvenzjoni u 38 tal-Kostituzzjoni;

2. Taghti kull rimedju u direttiva opportuna.

Ir-rimedju illi qed jitolbu l-esponenti huwa kumpens finanzjarju.

Bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Ligi."

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat) ippreżentata fit-13 ta' Novembru 2020 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

"1. Illi qabel xejn, l-ilment tar-rikorrent, kif mibni fuq l-**artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** ma jistax jiġi mistħarreġ mill-ġdid, għaliex dwaru ġa ngħatat sentenza bejn l-istess partijiet mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Frar 2009, kopja ta' liema ġiet ippreżentata mar-rikors kostituzzjonali stess;

2. Illi bla ħsara għal dan, dwar l-ewwel talba tar-rikorrent, l-esponent ma jaqbilx li hemm ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u/jew tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** minħabba dewmien mhux raġonevoli fil-kawża ***Joseph Bartolo vs. Kummissarju tal-Art (Rik. 36/1985)***. Dan qed jingħad għaliex meta wieħed iqis kollox wieħed ma jistax jasal għall-konklużjoni li dawn il-proċeduri damu b'mod irraġonevoli jew aktar milli jmisshom;

3. Illi hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun. Huwa miżmum ukoll li ma hemm l-ebda *time limit* li awtorita` ġudizzjarja trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha għax inkella l-interessi tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġla żejda;

4. Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tqis b'mod serju t-talba tar-rikorrenti taħt l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** li jrid jiġi ppruvat li mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien kien wieħed kappriċċjuż u maħsub biss biex jiżvantaġġjah fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-liġi. Sewwasew fil-każ tallum ma jidhirx li f'din il-kawża kien hemm dewmien minħabba xi għemil jew nuqqas tal-Kummissarjsu tal-Artijiet jew tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet;

   Jiġi b'hekk li l-ilment tar-rikorrent taħt l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u/jew tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** ma jistax jitqies bħala wieħed li huwa mistħoqq;

5. Illi safejn l-ilment tar-rikorrent jinsab mibni fuq l-**ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, jingħad li huwa ġa ngħata kumpens xieraq mill-Bord ta' Arbitraġġ Dwar Artijiet, b'rabta mat-teħid tal-artijiet li seħħ fl-1983 bis-saħħa tal-**Att dwar Arji għall-Iżvilupp tal-Bini**. Jekk ir-rikorrent ma kienx qed jaqbel ma' dan il-kumpens, huwa messu appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell skont kif provdut bil-***proviso* tal-artikolu 5(3) tal-Att dwar Arji għall-Iżvilupp tal-Bini**, kif fis-seħħ dak iż-żmien. Ħaġa li r-rikorrent ma għamilx;

6. Illi terġa' u tgħid, il-Qorti Kostituzzjonali ġa stabbiliet fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Frar 2009 li r-rikorrent ħa dak li kien ħaqqu għat-teħid

tal-artijiet in kwistjoni. Għaldaqstant anke dan l-ilment għandu jiġi mwarrab;

7. Illi dwar l-ilment relattiv għall-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** li jitkellem dwar il-jedd għar-rispett tal-ħajja tiegħu, l-esponent iħoss li dan bl-ebda mod ma ġie mfisser mir-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali tiegħu. Għal din ir-raġuni biss l-ilment tar-rikorrent ma jistħoqqlux li jintlaqa';

8. Illi anke kieku stess, l-esponent jisħaq li l-Istat taħt l-ebda ċirkostanzi ma ndaħal fil-ħajja privata tar-rikorrent. Tassew l-esponent ma jistax jifhem kif tilwima ġudizzjarja dwar kumpens ta' madwar €11,000 tista' tikkwalifika bħala indħil f'ħajjet ir-rikorrenti. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li din il-kawża saret aktar minn tlettax-il sena wara li nqatgħet id-deċiżjoni mill-Bord ta' Arbitraġġ Dwar Artijiet. Anke dan l-ilment għalhekk għandu jiġi mwarrab;

9. Illi t-tieni talba hija marbuta mal-ewwel talba. Darba li fil-fehma tal-esponent l-ewwel talba ma tistax tintlaqa', għandha taqa' wkoll it-tieni talba;

Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent u tiddikjara li huwa ma bata l-ebda ksur tal-jeddijiet kostituzzjonali/konvenzjonali tiegħu, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess rikorrent."

Rat ir-Risposta tal-Awtoritá tal-Artijiet (l-intimata Awtorita') ippreżentata fit-18 ta' Novembru 2020 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:-

"1. Illi preliminarjament l-attur irid jispecifika ezattament x'qieghed jippretendi minn din il-kawża stante li fir-rikors promotur tieghu jibda illi jiddikjara li qieghed jaghmel talba ghal rimedju kostituzzjonali abbazi ta' artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, izda imbaghad fit-talbiet infushom, isemmi wkoll vjolazzjoni ta' artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni, artikolu 8 tal-Konvenzjoni u artikolu 38 tal-Kostituzzjoni liema talbiet saru minghajr ma mottivahom fil-premessi.

2. Illi in linea preliminari, it-talba tal-attur fir-rigward ta' artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni hija res judicata u dan stante illi mhux talli li l-Bord tal-Arbitragg Dwar l-Artijiet diga illikwida kumpens, talli wkoll, l-istess talba diga giet gudikata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza *Joseph Bartolo vs Onorevoli Prim Ministru u Onorevoli Ministru responsabbli mid-Dipartiment tal-Artijiet* li inghatat fit-28 ta' Gunju 2007 u li giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fi 27 ta' Frar 2009. Ta' min isemmi wkoll li fiz-zewg sentenzi, l-Qorti ikkonfermat li ma kien hemm ebda ksur tal-jeddijiet tar-rikorrent imharsa that artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.

3. Illi in oltre u in linea preliminari wkoll,fir-rigward l-allegazzjoni tal-attur li hemm ksur ta' artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u/jew artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, din it-talba ma tistax twiegeb ghaliha l-Awtorita tal-Artijiet u ghalhekk isegwi li l-Awtorita` esponenti ma hix il-legittimu kontradittur u ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi preliminarjament, dwar l-ilment tal-attur fir-rigward ta' artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni, l-attur irid jispjega sew kif inkisirlu dan id-dritt stante li dan ma giex spjegat fil-premessi.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ulterjorment fil-mertu qeghdin jigu eccepiti is-segwenti, kollha minghajr pregudizzju ghal xulxin:

   a. Illi m'huwiex minnu li hemm ksur ta' artikolu 6 tal-Konvenzjoni u/jew artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan stante li biex jigi determinat jekk is-smiegh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proceduri, u b'mod partikolari:

      1. in-natura u/jew komplessita` tal-kaz in kwistjoni,
      2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u
      3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita` gudizzjarja stess.

      Illi b'hekk wiehed ma jistax jghid li hemm ksur u dan stante li dawn l-elementi m'humiex sodisfatti. In oltre, kull ezaminazzjoni ta' tali ksur ma jistax jigi determinat fl-astrat.

   b. Illi in oltre, m'hemm l-ebda ksur ta' Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u dan stante li l-Bord tal-Arbitragg tal-Artijiet fis-sentenza fl-ismijiet *Joseph Bartolo vs Kummissarju tal-Artijiet* deciza fit-28 ta' Jannar 1997 diga llikwidat kumpens xieraq u adegwat.

   c. Illi anke il-Qorti Kostituzzjonali stess sostniet fis-sentenza taghha moghtija fl-27 ta' Frar 2009 li m'hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni.

   d. Illi jekk l-attur ma kienx sodisfatt bil-kumpens moghti lilu seta jappella minn din is-sentenza u mhux jiftah kawza kostituzzjonali. Huwa principju stabbilit kemm fil-ligi taghna kif ukoll fil-gurisprudenza li l-Qorti Kostituzzjonali hija qorti ahharija u wiehed l-ewwel irid jezawrixxi rimedji ordinarji. L-attur seta jaghmel dan permezz ta' appell.

   e. In oltre, lanqas ma jista' jinghad li hemm ksur ta' artikolu 8 tal-Konvenzjoni u/jew artikolu 38 tal-Kostituzzjoni stante li l-Qorti Ewropea kemm-il dara sostniet fis-sentenzi taghha illi l-kelma "proprjeta" f'artikolu 8 tal-Konvenzjoni ma japplikax ghall-artijiet

rurali li fihom jitrabbew l-annimali (**LEVEAU AND FILLON v. FRANCE** – European Court of Human Rights, 63512/00 63515/00, September 6th 2005) similarjament l-istess Qorti sostniet kemm-il darba li dan l-artikolu lanqas japplika f'kaz li m'hemmx abitazzjoni ghal certu zmien.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-Sentenza parzjali mogħtija fis-16 ta' Novembru 2021 fejn din il-Qorti ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Awtoritá Intimata u ċioè dik tar-*res iudicata* u ordnat għalhekk il-prosegwiment tal-kawża.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Rat l-atti proċesswali allegati in atti tal-kawża numru 581/1997 fl-ismijiet Joseph Bartolo vs Onorevoli Prim Ministru, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Frar 2009;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Frar, 2023 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** B'dan l-ilment kostituzzjonali, r-rikorrent qed isostni li sofra minn ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**2.** Ir-rikorrent jilmenta li l-effett ta' din il-vjolazzjoni "*imur ferm oltre l-iskomdu, tensjoni u inċertezza tad-dewmien fil-proċess*" tant li "*inċidew fuq il-ħajja tal-persuna u l-proprjetá tiegħu*" bi ksur ta' l-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni, l-artikolu 8 ta' l-istess Konvenzjoni u l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni (ara premessa 6 a' fol 3).

**3.** Skont ir-Rikorrenti dan il-ksur minnu reklamat seħħ fil-konfront tiegħu minħabba t-tul ta' żmien meħud sabiex jiġu konklużi żewġ azzjonijiet, waħda ċivili u l-oħra kostituzzjonali, it-tnejn istitwiti mir-Rikorrenti.

**4.** L-atti proċesswali tal-azzjoni ċivili hawn ilmentata ma ġewx allegati in atti. Kopja ta' l-inkartament ta' dik il-kawża ġiet madanakollu preżentata b'nota datata 6 ta' April 1999 fl-atti tal-azzjoni kostituzzjonali numru 581/97 hawn allegati (ara fol 17 sa 78 tal-imsemmija atti allegati).

**5.** Minn dan l-inkartament jirrisulta li l-azzjoni ċivili ġiet istitwita b'rikors numru 36/85 preżentat mir-rikorrent quddiem il-Bord ta' l-Artibitraġġ dwar l-Artijiet kontra l-Kummissarju tal-Artijiet, f'data mhux magħrufa billi ma tirriżultax mill-atti. Joħroġ min-numru tal-istess kawża però li din ġiet preżentata fis-sena 1985 (ibid. fol 18).

**6.** Permezz tiegħu r-rikorrent talab għal kumpens a tenur ta' l-artikolu 5(3) tal-Att I tal-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini. Dan wara li b'ittra uffiċjali datata 25 ta' Lulju 1984 il-Kummissarju tal-Artijiet innofitika lir-Rikorrenti, ai finijiet tal-artikolu 10 tal-imsemmi Att, b'kopja ta' riżoluzzjoni approvata mill-Parlament fl-4 ta' Lulju 1983. F'din ir-riżoluzzjoni il-

Parlament addotat/approva dikjarazzjoni tal-Ministru li numru ta' artijiet, inkluż parti mill-art proprjetá tal-istess Rikorrenti, hija Area għall-Iżvilupp tal-Bini a tenur tal-artikolu 3. Għaldaqstant bis-saħħa tal-artikolu 5 tal-istess Att, b'seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżoluzzjoni, dik l-art tar-rikorrent hemm dikjarata għanda "*mingħajr il-ħtieġa ta' xi formalitá oħra meħtieġa b'liġi, titqies ... li hi art akkwistata għal skop pubbliku b'xiri assolut u bi proprjetá assoluta, libera u franka minn kull piż, ipoteka jew privileġġ taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza*" (sottolinear ta' din il-Qorti). Id-dispożizzjonijiet tal-Att 1 tal-1983 baqgħu jgħoddu għall-każ tar-Rikorrenti minkejja l-abrogazzjoni tal-istess Att bl-Att 1 tal-1992 (ara artikolu 63 tal-imsemmi Att).

**7.** Il-Bord iddeċieda dan ir-rikors b'sentenza mogħtija kważi tnax-il sena wara, preċiżament fit-28 ta' Jannar 1997 (ibid. a' fol 74). Hemm il-Bord ikkundanna lil Kummissarju sabiex iħallas lir-Rikorrenti is-somma ta' LM4,700 bl-imgħaxxijiet legali mid-data tal-esproprazzjoni. Il-Bord ordna li dan il-ħlas isir b'att pubbliku. Din is-sentenza hija definittiva. Dan billi r-Rikorrenti ma ntavolax appell minnha fit-terminu preskritt.

**8.** Din is-sentenza baqgħet sal-llum ma ġietx enforzata/eżegwita. Dan billi il-Kummissarju, kif issa rappreżentat mill-Awtroritá Intimata, għadu ma ħallasx il-kumpens ordnat lir-rikorrent (ara affidavit tar-rikorrenti a' fol 105 para 11, u affidavit ta' Dr Marisa Grech, Acting Chief Officer tas-Sezzjoni tal-Kuntratti mal-Awtoritá intimata a' fol 150).

**9.** L-azzjoni kostituzzjonali ġiet istitwita b'rikors numru 581/97 preżentat mir-rikorrenti ftit iktar minn xahar wara d-deċiżjoni tal-Bord, preċiżament fit-3 ta' Marzu 1997 (ara fol 1 tal-proċess numru 581/97 hawn allegat). Permezz tiegħu r-Rikorrenti lmenta li l-Att I tal-1983 (dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini) jivvjola l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel Artikolu Protokollari tal-Konvenzjoni. Huwa għalhekk talab li din il-liġi tiġi dikjarata nulla u bla ebda effett. B'Sentenza mogħtija ftit iktar min għaxar snin wara, preċiżament fit-28 ta' Ġunju 2007, il-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż (ibid. fol 266). Ir-rikorrent appella min din is-Sentenza b'rikors intavolat fl-10 ta' Lulju 2007 (ara fol 2 tal-atti tal-appell hawn allegati). B'sentenza mogħtija ftit itkar min sena u seba' xhur wara, preċiżament fis-27 ta' Frar 2009, il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appell interpost mir-rikorrent u kkonfermat in toto s-Sentenza appellata (ibid. fol 36).

**10.** Ir-rikorrenti jissottometti li dan id-dewmien "*wassal sabiex ċaħħad lill-esponenti milli jieħu l-kumpens mistħoqq lilu, fi żmien meta l-valur li dak iż-żmien kien meqjus xieraq, kellu forsi valur aħjar fis-suq. Il-preġudizzju u d-dannu li sofra l-esponenti minħabba dan id-dewmien huwa li erbgħin sena wara t-tehid mill-Istat tal-proprjetá tiegħu, il-kumpens, jekk xi darba jissarraf, ċertament ma għandux il-valur ekwivalenti fis-suq. ... Inoltre, irid jittieħed ukoll in konsiderazzjoni fl-umli fehma tar-rikorrent l-fatt li parti sostanzjali tal-art ma ttieħditx għal skopijiet soċjali jew pubbliki (bħal pereżempju triq pubblika) imma biex inbdew terraced houses fuq medda*

*ta' ħamsa u erbgħin (45) plot li llum qed jinbiegħu mill-individwi privati bi prezzijiet għoljin tallum fuq is-suq u qed jagħmlu negozju fuq art li sallum għadha tgħajjat lir-rikorrent.*" (ara nota para 7 a' fol 109 u 171).

**11.** Ir-rikorrent jissottometti li huwa għadu ma ġiex ikkompensat minħabba dan id-dewmien eċċessiv fl-azzjonijiet imsemmija (ara nota a' fol 171 para 9).

**Punti ta' Liġi**

**Smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni**

**12.** Skont l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu ..., kulħadd huwa ntitolat għal smiegħ ... fi żmien raġonevoli ...*".

**13.** L-istess jistipula l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni li "*Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*"

**14.** Iż-żmien raġonevoli tal-proċedimenti huwa wieħed mill-aktar garanziji proċedurali importanti tad-drittijiet fundamentali għall-proċess ġust imnaqqax fl-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

**15.** L-Artikolu 6 § 1 jobbliga lill-Istati Membri sabiex jorganizzaw is-sistemi legali u ġudizzjarji tagħhom b'mod li l-qrati tagħhom ikunu jistgħu jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit hemm impost. Dan jiġifieri li l-Qrati nazzjonali jkunu kapaċi jiggarantixxu lill-kullħadd id-dritt għal deċiżjoni finali fuq kwistjonijiet ta' drittijiet u obbligi ċivili fi żmien raġonevoli (**Comingersoll S.A. v. Portugal [GC], § 24; Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 142**).

**16.** Dan l-obbligu japplika wkoll għal-Qrati Kostituzzjonali, għalkemm b'interpretazzjoni differenti tenut kont tal-irwol tagħhom, bħala gwardjani tal-Kostituzzjoni, li jqisu n-natura u l-importanza tal-każ f'termini politiċi u soċjali (**Süssmann v. Germany, § 56; Voggenreiter v. Germany §§ 51-52; Oršuš and Others v. Croatia [GC], § 109**).

**17.** Kif jingħad fir-***Report of the European Commission on the Efficiency of Justice (CEPEJ)***, b'dan l-obbligu is-sistemi ġudizzjarji ġew tassew mogħtija għan ġdid: li jipproċessaw kull każ "*within an optimum and foreseeable timeframe*" (**CEPEJ(2004)19REV2, p. 3**).

**18.** F'dan is-sens il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD) kemm-il darba saħqet fuq l-importanza li l-ġustizzja tiġi amministrata mingħajr dewmien li jista' jqiegħed l-effettivitá u l-kredibilitá tagħha fil-periklu (**H. v. France, § 58; Katte Klitsche de la Grange v. Italy, § 61; Scordino v. Italy (no 1) [GC], § 224**). Stat Kontraenti li nstab li vvjola dan ir-rekwiżit frekwentament u ħoloq kumulu ta' vjolazzjonijiet identiċi, ġie

kemm-il darba meqjus mill-QEBD bħala Stat li jħaddan prattika inkompatibbli mal-Konvenzjoni. Dan għaliex tali vjolazzjonijiet jirriflettu sitwazzjoni kontinwa li għadha ma ġietx rimedjata u li għalhekk qed iċċaħħad il-partijiet min rimedju domestiku. Il-QEBD qieset tali ċirkostanza bħala waħda li tikkostitwixxi ksur aggravanti tal-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni (ara **Bottazzi v. Italy [GC], § 22; Scordino v. Italy (no 1) [GC], § 225**).

**19.** Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, stabbilit il-prinċipji li għandhom jiddeterminaw it-tul taż-żmien tal-proċedimenti u l-kriterji indikattivi tar-raġjonevolezza ta' dan it-tul taż-żmien.

<u>Id-determinazzjoni tat-tul taż-żmien tal-proċedimenti</u>

**20.** *Id-dies a quo* tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri ċivili huwa d-data li fiha l-ilment jew talba tiġi indirizzata quddiem il-Qorti domestika f'forma preskritta mill-liġi applikabbli (**Poiss v. Austria, § 50; Bock v. Germany, § 35; Portington v. Greece §20**). Ġie iżda aċċettat f'ċertu ċirkostanzi eċċezzjonali li l-perjodu tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien għandu jibda jiddekorri qabel id-data li fiha l-applikant jippreżenta l-att li bih jibda l-proċeduri quddiem Qorti kontenzjuża (**Golder v. the United Kingdom, § 32 in fine; Erkner and Hofauer v. Austria, § 64; Vilho Eskelinen and Others v. Finland [GC], § 65**). Dan meta, ad eżempju, azzjoni partikolari tkun teħtieġ li, qabel ma tiġi hekk

istitwita, jittieħdu ċerti passi proċedurali preliminari (**Blake v. the United Kingdom, § 40; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], §§ 207-208, u Koziy v. Ukraine, § 25**) jew ikun hemm impost bħala pre-rekwiżit l-obbligu li tiġi sottomessa applikazzjoni lil xi awtoritá amministrattiva. F'dak il-każ il-perjodu tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien għandu jinkludi wkoll din il-proċedura amministrattiva preliminari mandatorja (**König v. Germany, § 98; X v. France, § 31; Schouten and Meldrum v. the Netherlands, § 62; Kress v. France [GC], § 90; Siermiński v. Poland § 65**).

**21.** L-Artikolu 6 § 1 jista' jsib applikabbilitá wkoll fi proċeduri li, għalkemm ma humiex kompletament ġudizzjarji fin-natura tagħhom, huma madanakollu marbuta mill-qrib ma' superviżjoni minn korp ġudizzjarju. Dan kien il-każ, pereżempju, fi proċedura għall-qasma ta' patrimonju li tmexxiet fuq bażi mhux kontenzjuża quddiem żewġ nutara, iżda ġiet ordnata u approvata minn qorti (**Siegel v. Franza**, **§§33-38**). It-tul tal-proċedura quddiem in-nutara għalhekk ġie kkunsidrat fil-kalkolu taż-żmien raġonevoli.

**22.** Id-*dies ad quem* ta' dan il-kejl taż-żmien rilevanti huwa l-mument fejn l-ilment in disputa jkun ġie solvut b'sentenza li tkun definittiva, finali u eżegwita/enforzata (**Poiss v. Austria, § 50; Blake v. the United Kingdom §40**). Dan iż-żmien għalhekk ikopri wkoll l-istadju tal-appell (**König v. Germany, § 98 in fine; Kudła v. Poland §122**) u ma jeskludix l-istadji susegwenti s-sentenza fuq il-mertu (**Robins v. the United Kingdom, §§ 28-29**). Jekk qorti tiddeċiedi li tikkunsidra t-talbiet tal-attur separatament,

it-tmiem tal-proċeduri civili ġie determinat bħala dak il-mument fejn it-talbiet kollha jkunu ġew ikkunsidrati (**Makarova v. Russia § 35; Silva Pontes v. Portugal §33**).

**23.** L-eżekuzzjoni ta' Sentenza mogħtija minn qorti hija meqjusa bħala parti integrali tal-proċeduri għall-finijiet ta' kalkolu taż-żmien rilevanti fit-termini tal-Artikolu 6 (**Martins Moreira v. Portugal, § 44; Silva Pontes v. Portugal, § 33; Di Pede v. Italy, § 24; Hornsby v. Greece §40**). Iż-żmien ma jieqafx għaddej sakemm id-dritt asserit fil-proċeduri jsir effettiv **(Estima Jorge v. Portugal, §§ 36-38**). Proċeduri quddiem Qorti Kostituzzjonali jistgħu jittieħdu in konsiderazzjoni fejn, għalkemm ma jkollhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi fuq il-mertu, is-Sentenza mogħtija minnha taffettwa r-riżoluzzjoni tat-tilwima pendenti quddiem qrati ordinarji (**Deumeland v. Germany, § 77; Pammel v. Germany, §§ 51-57; Süssmann v. Germany, § 39**).

**24.** Fil-każ ta' ntervent ta' terzi fi proceduri ċivili, issir distinzjoni skont jekk it-terz in kwistjoni intervjeniex fil-proceduri domestiċi f'ismu stess jew bħala werriet. Fil-każ tal-ewwel, il-perjodu għandu jiġi kkunsidrat li jibda jiddekorri mid-data li fiha t-terz intervjena fil-proċeduri. Fil-każ tat-tieni, it-terz jista', fil-kwalitá tiegħu ta' werriet, jilmenta dwar it-tul kollu tal-proċeduri (**Scordino v. Italy (no. 1) [GC], § 220**).

Determinazzjoni tar-raġonevolezza taż-żmien

**25.** Kif ġie kemm il-darba affermat, ir-raġjonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża għandu jiġi determinat f'kull każ speċifiku fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tiegħu "*magħdudin flimkien b'effett kumulattiv*" u globali (**Anton Camilleri vs Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar 2016; (Frydlender v. France [GC], § 43); Obermeier v. Austria, § 72; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC], § 23; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 214**).

**26.** Tabilħaqq il-proċeduri kollha għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni (**König v. Germany, § 98 in fine**). Ċertu tul fi stadji differenti tal-proċeduri jista', fih innifsu, ma jitqiesx bħala irraġonevoli. Iżda meta meqjus komplessivament u b'mod kumulattiv, jista' jirriżulta in eċċess tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (**Deumeland v. Germany, § 90; Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland [GC], §§ 210-11**). Dewmien fi stadju partikulari tal-proċeduri jista' jkun permissibli sakemm it-tul kollu tal-proċedimenti ma jkunx eċċessiv (**Pretto and Others v. Italy, § 37**).

**27.** Ġie stabbilit li dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni m'għandux jimmina l-prinċipju ġenerali tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, wkoll stabbilit b'dan l-artikolu. Għandu għalhekk jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-diversi aspetti varji ta' dan ir-rekwiżit fundamentali (**Boddaert v. Belgium** ċitata **supra § 39; ara wkoll**

**Raymond Bonnici et vs Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali, 2 ta' Marzu 2015, para 27**).

**28.** Sabiex jiġi żgurat dan il-bilanċ, fil-kejl tagħha tar-raġjonevolezza taż-żmien il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati tagħna, konsistentement qieset iċ-ċirkostanzi individwali u partikolari tal-każ fid-dawl ta' erba' kriterji ġenerali (ara fost ħafna oħrajn **Kurzac v. Poland § 30; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC]; Frydlender v. France [GC], § 43; Sürmeli v. Germany [GC], § 128; Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 143; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 209**). Dawn huma:

(i) il-kumplessità tal-każ;

(ii) il-kondotta tal-parti li qed tilmenta;

(iii) il-kondotta tal-awtorijiet kompetenti, jiġifieri l-azzjonijiet tal-qorti in kwistjoni u tal-awtoritajiet governattivi oħra involuti fil-proċess;

(iv) l-importanza tal-każ għall-attur;

<u>Il-Kumplessitá tal-każ</u>

**29.** Il-kumplessitá tal-każ tista' tinsorġi kemm minħabba kwistjoniijiet fattwali u proċedurali kif ukoll minħabba kwistjonijiet legali (**Katte Klitsche de la Grange v. Italy**, § 55; **Papachelas v. Greece [GC], § 39**). Każ jitqies fattwalment u/jew proċeduralment kumpless meta jinvolvi numru kbir ta'

partijiet (**H. v. the United Kingdom, § 72**) jew il-produzzjoni ta' volum kbir ta' provi u/jew numru kbir ta' smiegħ ta' xhieda (**Humen v. Poland [GC], § 63**) jew ikun jenħtieġ numru kbir ta' rapporti peritali (**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC] (§ 210**). Każ jitqies legalment kumpless minħabba nuqqas ta' preċedent fuq livell nazzjonali, jew il-ħtieġa li tintalab deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewopea (QtĠ) dwar kwistjonijiet relatati mal-interpretazzjoni tal-liġi Ewropea (**Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland** [GC], § 212).

**30.** Ġie stabbilit ukoll li anki jekk l-każ fih nnifsu ma jkunx partikolarment kumpless, in-nuqqas ta' kjarezza u prevedibbiltá fil-liġi jista' wkoll jagħmel l-eżami diffiċli u deċiżivament jikkontribwixxi għad-dewmien tal-proċeduri (**Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 150**).

**31.** Il-QEBD irrikonoxxiet li każijiet kumplessi jenħtieġu aktar żmien biex jiġu konklużi (**Tierce v. San Marino § 31**). Hija madanakollu stqarret li l-kumplessitá fiha nnifisha mhux neċessarjament tiġġustifika proċedimenti twal li xorta jistgħu jwasslu għal vjolazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli (**Matoń vs Poland**, **QEBD, 9 ta' Ġunju 2009, §30; Rutkowski and Others v. Poland, QEBD, 7 ta' Lulju 2015, § 137**). Difatti fil-każ **Cipolletta v. Italy il-QEBD**, għalkemm għarfet il-kumplessitá ta' proċeduri ta' insolvenza, sabet li tul ta' madwar ħamsa u għoxrin sena u sitt xhur ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' "żmien raġonevoli" (ara §44). Tabilħaqq **il-kumplessitá waħidha tal-każ ma twassalx sabiex kwalunkwe dewmien**

**jitqies bħala raġonevoli** (**Ferrantelli u Santangelo vs Italy, QEBD, 7 ta' Awwissu 1996, § 42**).

<u>Il-kondotta tal-parti li qed tilmenta</u>

**32.** Il-QEBD tikkonsidra li l-persuna konċernata hija meħtieġa biss li turi diliġenza fit-twettiq tal-każ tagħha, li żżomm lura milli tuża tattiċi ta' dewmien u li tużuffruwixxi ruħha mill-azzjonijiet disponibbli fil-liġi domestika għat-tqassir tal-proċeduri. Iżda ma hija taħt l-ebda dmir li tieħu azzjoni li ma hiex adattata għal dak il-għan (**Unión Alimentaria Sanders SA vs Spain, QEBD, 7 ta' Lulju 1989, § 35**).

**33.** L-Artikolu 6§1 ma jeħtieġx li l-parti li qed tilmenta tikkopera b'mod attiv ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji biex tħaffef il-proċeduri. Lanqas ma titqies responsabbli għad-dewmien fejn tkun għamlet użu sħiħ mir-rimedji domestiċi disponibbli għaliha (**Erkner and Hofauer v. Austria § 68**) jew minħabba l-konsegwenzi marbuta mal-kundizzjoni medika tagħha (**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211**). Ġie stabbilit iżda li tali kondotta, għalkemm ma titfax ħtija fuq l-parti konċernata għad-dewmien kawżat, "*għandha jkollha relevanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens lilhom dovut*" (**Iris Cassar et vs. Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Marzu 2015**).

**34.** L-awtoritajiet nazzjonali min-naħa tagħhom lanqas ma jistgħu jinżammu responsabbli għal-dewmien ikkawżat b'riżultat ta' dan l-aġir

(**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211**). Tabilħaqq, il-kondotta tal-parti li qed tilmenta għandha tiġi kkunsidrata fid-determinazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli impost fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għaliex tikkostitwixxi fatt oġġettiv li l-istat m'għandux kontroll fuqha u li għalhekk ma jistax jiġi attribwit lilu (**Poiss v. Austria § 57; Wiesinger vs Austria § 57; Humen v. Poland [GC], § 66**).

**35.** Ġie iżda stabbilit li l-istat ma jistax jinqeda bl-imġieba tal-applikant sabiex jiġġustifika perjodi ta' inattivitá. Huwa meħtieġ għalhekk li l-kondotta tal-qrati f'dan ir-rigward tiġi analizzata. Dan jiġifieri li jiġu eżaminati l-azzjonijiet u l-miżuri li ħadu l-Qrati sabiex iħeġġu l-partijiet fil-proċeduri iwettqu b'mod attiv id-dmirijiet proċedurali tagħhom. Il-QEBD irriteniet f'ikar minn okkażjoni waħda li l-Qrati domestiċi ma jistgħux jibqgħu indifferenti għall-abbuż mill-partijiet tad-drittijiet proċedurali u dewmien persistenti fil-proċeduri: l-attitudni tal-partijiet ma teżonerax lill-Qrati mid-dmir tagħhom li jiżguraw is-smiegħ xieraq tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli impost fl-artikolu 6 § 1 (**Pafitis and Others v. Greece § 93; Tierce v. San Marino § 31; Sürmeli v. Germany [GC] § 129; Guincho v. Portugal §32; Buchholz v. Germany §50; Capuano v. Italy §§24-25; Baraona v. Portugal §48; Martins Moreira v. Portugal §46; Neves e Silva v. Portugal §43; Union Alimentaria Sanders S.A. v. Spain §§34; Vernillo v. France §30; Scopelliti v. Italy §25; Ciricosta and Viola v. Italy §30; Mincheva v. Bulgaria § 68**) (ara t-tielet kriterju aktar l-isfel).

**36.** Kif ritenut, "*filwaqt li l-Istat ma jaħtix ta' ksur ta' d-dritt għal smigħ xieraq minħabba l-għamil jew dewmien imnissel mill-parti li kontra tagħha l-applikant iressaq proċeduri ċivili, jew minħabba n-nuqqas ta' tħabrik minn avukat maħtur għall-applikant ukoll jekk bil-benefiċċju tal-għajnuna legali, "in non-criminal cases, States have been held responsible for delays in civil and administrative courts in performing routine registry tasks, in the conduct of the hearing by the court... and for delays caused by lack of co-ordination between administrative authorities*" ***(Harris, O'Boyle & Warbrick., paġ. 225)***" (**Nicholas Debono et vs Registratur Prinċipali tal-Qrati tal-Ġustizzja et**, **Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 29 ta' April 2003**);

**37.** Eżempji li jikkonċernaw il-kondotta tal-parti li qed tilmenta jinkludu s-segwenti:

a. nuqqas ta' ħeġġa mill-partijiet biex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom. Dan in-nuqqas ġie meqjus bħala kontributur deċiżiv għad-dewmien fil-proċeduri (**Vernillo v. France, § 34**);

b. bidliet frekwenti u ripetuti tal-avukat difensur (**König v. Germany**, **§103**);

c. talbiet jew omissjonijiet li jħallu impatt fuq it-tmexxija tal-proċeduri (**Acquaviva v. France § 61**);

d. nuqqas ta' diliġenza fil-passi proċedurali meħuda (**Keaney v. Ireland, § 95**);

e. tentattivi biex tiġi żgurata transazzjoni tal-kawża barra l-Qorti (*out-of-court settlement*) (**Pizzetti v. Italy, § 18; Laino v. Italy [GC], § 22**);

f. proċeduri istitwiti erronjament quddiem qorti nieqsa mill-ġurisdizzjoni (**Beaumartin v. France, § 33**);

g. litigazzjoni kontenzjuża esternata bil-preżentata ta' għadd konsiderevoli ta' rikorsi bi pretensjonijiet addizzjonali (**Pereira da Silva v. Portugal, §§ 76-79**).

<u>Il-kondotta tal-awtoritajiet kompetenti</u>

**38.** L-istat huwa responsabbli għall-awtoritajiet kollha tiegħu: <u>mhux biss għall-organi ġudizzjarji, iżda għall-istituzzjonijiet pubbliċi kollha</u> (**Martins Moreira v. Portugal, § 60**). Dewmien attribwibbli lill-Istat biss jiġġustifika sejbien ta' vjolazzjoni tal-artikolu 6 § 1 minħabba nuqqas ta' konformitá mar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli (**Buchholz v. Germany §49; Papageorgiou v. Greece § 40; Humen v. Poland [GC], § 66**).

**39.** Kif sewwa rriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **John Bugeja vs L-Avukat Generali et**, 11 ta' Awwissu 2003:

"<u>*d-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t' amministrazzjoni tal-gustizzja*</u>*. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra ta' l-istat, cjoe` l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-*

*istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f' pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli.*

*Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem ghallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni: "…. imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision* ***Salesi vs Italy (26/02/1993****). It wishes to reaffirm the importance of administerting justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility* ***Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994****) – (ara* ***A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18****).*" (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti) (ara wkoll **Von Maltzan and Others v. Germany (dec.) [GC], § 132**).

**40.** Ġie madanakollu stabbilit li "*Dewmien li jista' jiġi attribwit għall-istat jeħtieġ li jitqies (QEDB, Buchholz vs Germany paragrafu 49. Ara wkoll QEDB, Yagtzilar u oħrajn vs Il-Greċja, Nru 41727/98, is-6 ta' Diċembru 2001), iżda l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà għandha tkun ikkunsidrata bir-reqqa. Pereżempju, dewmien fil-proċedimenti li jirriżulta mir-riferiment ta' mistoqsija lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari mhuwiex ħtija tal-istat (QEDB, Pafitis u oħrajn vs Il-Greċja, Nru 20323/92, 26 ta' Frar 1998, paragrafu 95). Madankollu, ir-responsabbiltà ewlenija għall-preparament ta' każ u għat-tmexxija mgħaġġla tas-smigħ tal-kawża taqa' taħt l-imħallef (QEDB, Capuano vs L-Italja, Nru 9381/81, 25 ta' Ġunju 1987, paragrafi 30-31).* Difatti ġie stabbilit li r-responabbilitá ta' dewmien kaġunat minn differimenti ħabba nuqqas ta' attendenza tal-

persuni rilevanti (bħal xhieda, ko-akkużati u rappreżentanti legali) taqa' fuq il-Qrati nazzjonali (**Tychko v. Russja**, **§ 68; ara wkoll Andrew Ellul Sullivan et vs L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika et, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ġunju 2008**).

**41.** Ġie stabbilit ukoll, kif ġia ingħad fil-kunsiderazzjoni tal-kriterju preċedenti, li l-attitudni passiva tal-partijiet ma jeħlisx lil Qrati mill-obbligu li jiżguraw is-smiegħ tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli kif rikjest fl-artikolu 6 § 1 (ara sentenzi ġia ċitati supra). L-istess huwa l-każ għad-dewmin kawżat mill-ħtieġa ta' perizja teknika: "*minkejja l-apatija tal-partijiet infushom u tal-bosta periti li gew mahtura tul is-snin f'dawn il-kawzi, kien il-poter-dover tal-Qorti illi tizgura li tali dewmien ma jigix permess. Kif spiss sahqu l-qrati taghna, fl-ahhar mill-ahhar id-dmir jibqa' tal-Qorti li ma tippermetti lil hadd mill-partijiet, inkluzi d-difensuri, li jabbuzaw mill-process gudizzjarju u fl-istess waqt tizgura li l-periti gudizzjarji jaqdu dmirijiethom fi zmien ragjonevoli minghajr il-htiega li toqoghod tistenna lill-partijiet biex jattirawlha l-attenzjoni (PA Joseph Gatt et v. L-intimat, 29/07/2013 [deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014)*" (Ara ukoll **Zakkarija Calleja vs. Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 29 ta' Lulju 2013;** u **Capuano v. Italy §§ 30-31; Versini v. France § 29; Sürmeli v. Germany [GC], § 129)**]. *Il-QEDB sabet li bidliet ripetuti tal-imħallef "ma jistgħux jeżoneraw l-Istat, li huwa responsabbli sabiex jiżgura li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun organizzata sew" (QEDB, Lechner u Hess vs L-Awstrija, Nru 9316/81, 23 ta' April 1987, paragrafu 58). Bl-istess mod, "tagħbija żejda kronika" ta'*

*każijiet ma tiġġustifikax proċedimenti eċċessivament twal (QEDB, Probstmeier vs Il-Ġermanja, Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64).* ***L-istat huwa responsabbli għall-awtoritajiet tal-istat kollha – mhux biss il-qrati*** *(498 QEDB, Martins Moreira vs Il-Portugall, Nru 11371/85, 26 ta' Ottubru 1988, paragrafu 60.)* [Ladarba huwa fuq l-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi legali tagħhom b'tali mod li jiggarantixxu d-dritt għal deċiżjoni finali fi żmien raġoevoli, l-eżistenza ta' ammont eċċessiv ta' xogħol ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni (**Vocaturo v. Italy** § 17, **Cappello v**. Italy § 17)]*...* [Madanakollu,] *Xogħol tal-qorti pendenti temporanju ma jiskattax ir-responabbiltà tal-istat jekk jieħu azzjoni korrettiva immedjata, xierqa sabiex tipprova tirrisolvi l-problema (*QEDB, *Probstmeier vs Il-Ġermanja,* Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64*)* [ara wkoll **Buchholz v. Germany** § 51]*. Sabiex jiġi megħlub l-ammont ta' xogħol pendenti, l-Istati jistgħu jadottaw miżuri provviżorji, bħall-għażla li jindirizzaw il-kawżi f'ordni partikolari (****Milasi vs L-Italja, Nru 10527/83, il-25 ta' Ġunju 1987, paragrafu18****).* [Eżempju ta' dan huwa meta jiġu indirizzati l-kawżi skont il-prioritá, l-urġenza u l-importanza tagħhom, b'mod partikolari x'ikun hemm involut għal persuni konċernati.] *Madankollu, jekk dawn l-azzjonijiet temporanji jonqsu milli jaħdmu, l-Istati jridu jadottaw miżuri iżjed effettivi sabiex tiġi indirizzata l-problema (****QEDB, Zimmermann u Steiner vs L-Isvizzera, Nru 8737/79, 13 ta' Lulju 1983, paragrafu 29****)* [ara wkoll **Guincho v. Portugal § 40**]. *L-Istati għandhom ifittxu modi sabiex jiġu żgurati li s-sistemi ġudizzjarji tagħhom ma joħolqux*

*dewmien fil-proċedimenti.*" (Manwal dwar id-dritt tal-Unjoni relatat mal-aċċess għall ġustizzja, paġna 150-151; parenteżi ta' din il-Qorti).

**42.** Tabilħaqq, il-fatt li tali sitwazzjonijiet ta' *backlog* saru komuni, ma jistgħax jiġġustifika t-tul eċċessiv tal-proċeduri (**Unión Alimentaria Sanders S.A. v. *Spain*** *§ 40*). Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' riforma mmirata biex tħaffef id-determinazzjoni tal-każijiet lanqas ma jista' jiġġustifika dewmien għaliex l-Istat xorta jkun qiegħed jonqos mid-dover tiegħu li jorganizza d-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri b'mod li jevitaw dan id-dewmien f'kawżi pendenti (**Fisanotti** v. Italy § 22). F'dak ir-rigward, l-adegwatezza jew le tar-rimedju domestiċi introdotti minn Stat Membru biex jipprevjeni jew jipprovdi rimedju għall-problema ta' proċeduri eċċessivament twal għandhom jiġu vvalutati fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti (**Scordino v. Italy** (**no. 1) [GC], §§ 178 et seq. and 223**).

**43.** L-istat inżamm ukoll responsabbli għan-nuqqas ta' konformitá mar-rekwiżit ta' żmien raġonevoli f'dawn il-każijiet:

a. fejn kien ammont eċċessiv ta' attivitá ġudizzjarja li ffokat biss fuq l-istat mentali tal-applikant għal aktar minn disa' snin (**Bock v. Germany § 47**);

b. Strajk minn membri tal-Kamra tal-Avukati. Għalkemm minnu nnifsu dan ma rrendix Stat Membru responsabbli għar-rigward tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli, l-isforzi magħmula mill-Istat biex inaqqas kwalunkwe

dewmien riżultanti minn dan l-istrike ġew kkunsidrati sabiex jiġi determinat jew dan ir-rekwiżit ġiex osservat (**Papageorgiou v. Greece § 47**).

c. Għalkemm ma hijiex il-funzjoni tal-Qorti li tanalizza l-mod li bih il-qrati nazzjonali nterpretaw u applikaw il-liġi domestika, ġie meqjus li t-tħassir minn qrati superjuri ta' deċiżjonijiet ta' qrati inferjuri u r-rinviju tal-każ lura lilhom huwa ġeneralment dovut għall-iżbalji mwettqa mill-istess qrati inferjuri. Ir-ripetizzjoni ta' sentenzi konsegwenza ta' dawn l-iżbalji tindika nuqqas fis-sistema ġudizzjarja (**Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 147**).

**44.** Jista' jirriżulta minn eżami komplessiv tal-proċeduri kollha li, l-awtoritajiet nazzjonali, għalkemm ikunu tqiesu responsabbli għal ċerti difetti proċedurali li kkawżaw dewmien fil-proċedimenti, jkunu xorta kkonformaw mad-dmir tagħhom li jisimgħu il-każ egħluq iż-żmien raġonevoli skont l-Artikolu 6 (**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211**).

**45.** Il-kondotta ta' Qorti Kostituzzjonali wkoll tiġi eżaminata billi, kif ġia ingħad, hija wkoll marbuta bl-obbligu mpost fl-artikolu 6§1, għalkemm b'interpretazzjoni differenti. Għal eżempju ta' proċeduri irraġonevolent twal quddiem qorti kostituzzjonali, (ara s-sentenza **Project-Trade d.o.o. v. Croatia, §§ 101-102**).

X’hemm involut għall-persuna li qed tilmenta

**46.** Ċerti fatturi partikolari li jinvolvu lill-applikant jistgħu jenħtieġu l-applikazzjoni ta’ standards iktar rigorużi biex jiġi assigurat li l-proċeduri jingħataw prijoritá, jiġu trattati b’urġenza u ndirizzati b’iżjed ħeffa.

**47.** Għandu għalhekk jitqies jekk l-awtoritajiet applikawx din id-diliġenza speċjali fil-konsiderazzjoni tar-raġonevolezza tat-tul tal-proċeduri (**Abdoella v. the Netherlands ċitata supra § 24; Starokadomskiy v. Russia (no. 2), 13 ta’ Marzu 2014, §§ 70-71**).

**48.** Każijiet fejn ġie stabbilit li kellu jiġi applikat diliġenza speċjali minħabba dak li kien hemm involut għal persuna li qed tilmenta jinkludu s-segwenti:

1. fejn l-applikant huwa afflit b’mard ta’ theddid għal ħajja u/jew etá avvanzata (***X vs France*** **§§ 45 u 47; Pailot v. France § 68; A. and Others v. Denmark §§ 78-81**);

2. każijiet li jikkonċernaw it-tfal bħal kustodja (**Hokkanen vs Finland** § 72; **Niederböster v. Germany § 39**) jew rimozzjoni illeċta ta’ minuri minħabba li d-dewmien jista’ effettivament jiddetermina l-eżitu tal-każ **(Hoholm vs Slovakia § 51**). Dan speċjalment fejn it-trapass ta’ żmien jikkaġuna konsegwenzi irriversibli fir-relazzjoni bejn il-ġenitur u l-wild (**Tsikakis v. Germany §§ 64 and 68**). Każijiet li jikkonċernaw ir-responsabbilitá tal-ġenituri u d-drittijiet ta’ aċċess ukoll jitolbu spedizzjoni

partikolari (**Paulsen-Medalen and Svensson v. Sweden § 39; Laino v. Italy [GC] § 22**).

3. kawżi li jikkonċernaw tilwim relatat ma' pensjonijiet (**Borgese v.** Italy § 18)), inkluż pensjoni ta' disabilitá (**Mocié v. France** § 22) jew ma' mpjieg (**Vocaturo vs Italy § 17; Bauer vs Slovenia §19**; **Ruotolo v. Italy § 17; u Frydlender v. France [GC] § 45**) – bħal jekk il-kwistjoni involuta tirrigwarda aċċess għal professjoni liberali (**Thlimmenos v. Greece [GC] §§ 60 u 62**), l-għajxien professjonali kollu tal-applikant **(König v. Germany § 111**), il-kontinwazzjoni tal-okkupazzjoni tal-applikant (**Garcia v. France** § 14), appell kontra tkeċċija (**Buchholz v. Germany § 52; Frydlender v. France [GC] § 45**), is-sospensjoni tal-applikant (**Obermeier v. Austria § 72**), *transfers* (**Sartory v. France § 34**) jew *reinstatements* (**Ruotolo v. Italy § 117**), jew fejn l-ammont mitlub huwa ta' importanza vitali għall-applikant (**Doustaly v. France** § 48).

4. kawżi li jikkonċernaw stat ċivili, bħal dawk għal dikjarazzjoni jew ċaħda ta' paternitá (**Mikulić vs Croatia § 44; Bock v. Germany § 49; Laino v. Italy [GC] § 18).**

5. Ilmenti mressqa minn individwi li jallegaw li ġew soġġetti għal vjolenza minn uffiċjali tal-pulizija (**Caloc v. France** § 120).

6. Azzjonijiet ta' danni riżultanti minn ħsara fiżika fuq persuna ta' etá avvanzata (**Codarcea v. Romania § 89**).

7. Azzjoni rigwardanti l-ħarsien tad-dritt tal-edukazzjoni (**Oršuš and Others v. Croatia [GC] § 109**).

**49.** Minn naħa l-oħra ġie stabbilit li ma kienetx meħtieġa diliġenza speċjali f'proċeduri għad-danni mġarrba konsegwenza ta' inċident tat-traffiku (**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania** [GC], § 213).

Meta issir valutazzjoni globali u ġenerali

**50.** Ġie stabbilit li meta, wara analiżi ta' kull wieħed mill-erba kriterji deskritti hawn fuq, jibqa' impossibbli li jiġi konkluż jekk iż-żmien raġonevoli ta' proċedimenti kienx osservat f'każ speċifiku, jista' jiġi applikat kriterju addizzjonali. Dan huwa l-evalwazzjoni globali tat-tul kollu tal-proċedimenti fil-każ tenut kont tal-kriterji kollha eżaminati (**Obermeier v. Austria** § **72; Manzoni v. Italy § 18; Laghouati and Others v. Luxembourg § 33**).

**51.** Ġie stabbilit ulterjorment li f'każ li l-kriterji għal valutazzjoni tar-raġonevolezza taż-żmien fi proċeduri ċivili jkunu intimament relatati, il-Qorti tagħmel ukoll valutazzjoni ġenerali (***Konig v. the Federal Republic of Germany (merits) §§105 and 111; Buchholz v.*** **the Federal Republic of Germany §63; Zimmermann and Steiner v. Switzerland §32; Pretto and others v. Italy §37; Guincho v. Portugal §41**).

**52.** Għalhekk, l-imġieba tal-partijiet tista żżid il-kumplessitá tal-proċeduri filwaqt li s-sinjifikat tal-eżitu għall-applikant jimmerita diliġenza speċjali eżerċitata mill-awtoritajiet. F'xi każijiet ċertu dewmien sostanzjali ġie perċepiet bħala normali. Madankollu fil-valutazzjoni ġenerali tagħha il-

Qorti sabet ksur taż-żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 § 1 meta ħadet in konsiderazzjoni is-segwenti:

a. It-tul tal-proċedimenti, meqjus fih innifsu u b'mod ġenerali, speċjalment jekk il-Gvern konvenut ma pprovda l-ebda spjegazzjoni (**Obermeier v. Austria** §72 Editions; **Periscope v. France** §44; **Messina v. Italy** §28; **Darnell v. the United Kingdom** §21; **Allenet de Ribemont v. France** §57);

b. L-istat konċernat jirrikonoxxi li huwa fit-tort (**Darnell v. the United Kingdom §20);**

c. Eżitu tal-proċedimenti, għallinqas fil-każ ta' *out-of-court settlement* (**Cormio v. Italy §§16-17**);

d. Il-proporzjon tat-tul kollu tal-proċedimenti tal-każ man-numru tal-istanzi tal-qrati li quddiemhom il-każ ġie mistħarreġ (**Cesarini v. Italy §20 (tliet istanzi); Salerno v. Italy §21 (tliet istanzi); Abdoella v. the Netherlands §22 (ħames istanzi); Olsson v. Sweden (No. 2) §§105 and 106 (tliet istanzi); Raimondo v. Italy §44 (żewġ istanzi) Vendittelli v. Italy §29; Hokkanen v. Finland §72 (tliet istanzi);**

e. Dewmien riżultanti min difetti proċedurali minkejja li l-awtoritajiet nazzjonali setgħu baqgħu attivi matul il-proċeduri kollha (**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania** [GC], § 213);

f. Ġie wkoll stabbilit bħala mhux aċċettabli proċeduri milquta b'perjodi twal ta' staġnar bla ma tiġi mogħtija ebda spjegazzjoni (**Beaumartin v. France, § 33**).

**53.** L-istudju mis-CEPEJ dwar id-dewmien tal-proċeduri kif ibbażata fuq il-ġurisprudenza tal-QEBD jagħtu linji gwida fuq dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli.

**54.** Ġie ritenut li, fil-prinċipju, sena għal kull istanza tal-qorti tista' titqies bħala żmien raġonevoli (**Obasa v. the United Kingdom § 35**). Anke sena u nofs ġie meqjus bħala żmien raġonevoli (**Satakunnan Markkinaporssi Oy and Satamedia Oy v. Finland § 88**). Id-durata taż-żmien sa sentejn għal kull stadju ta' ġurisdizzjoni f'każijiet mhux kumplessi ġeneralment tqiesu bħala raġonevoli. Fejn il-proċeduri damu iktar min sentejn, il-QEBD teżamina l-każ bi skrutinju sabiex tiddetermina jekk kienx hemm raġunijiet oġġettivi għal dan id-dewmien, bħal kumplessita tal-każ jew jekk l-awtoritajiet nazzjonali wrewx diliġenza fil-proċedimenti. F'każijiet kumplessi, il-QEBD tippermetti żmien itwal, iżda tagħti attenzjoni speċjali għal perjodi ta' inattivitá li huma b'mod ċar eċċessivi. L-itwal ħin aċċettat mill-Qorti huwa mandankollu rarament aktar minn ħames snin u kważi qatt aktar minn tmien snien ta' dewmien. Fil-każijiet meqjusa bħala ta' prijoritá li fihom kwistjoni partikolari hija f'riskju, il-Qorti ddevjat mill-pożizzjoni ġenerali, u sabet ksur anke jekk il-każ dam inqas min sentejn f'kull stadju tal-proċeduri. Dan bħal fil-każ fejn l-istat ta' saħħa tal-applikant hija kritika jew fejn id-dewmien jista' jkollu konsegwenzi irreparabbli għall applikant.

L-uniċi każijiet li fihom il-Qorti ma sabitx ksur minkejja t-tul manifestamet eċċessiv tal-proċeduri kienu każijiet fejn l-imġieba ta' l-applikant kienet fattur ewlieni (*European Commission for the Efficiency of Justice (CEPEJ): Length of court proceedings in the member states of the Council of Europe based on the case law of the European Court of Human Rights(**CEPEJ(2018)26**)*).

**<u>L-effett ta' vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli fuq id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja sanċit fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni</u>**

**55.** L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jfittex li jipproteġi d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, tad-dar u tal-korrispondenza min indħil ta' awtoritá pubblika, "*ħlief dak* [l-indħil] *li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f 'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.*"

**56.** L-artikolu 38 (1) tal-Kostituzzjoni jfittex bl-istess mod li jipproteġi l-intimitá tad-dar jew proprjetá oħra billi jippreskrivi li ħadd ma għandu jiġi assoġġettat għat-tfittix fuq il-persuna tiegħu jew proprjetá tiegħu jew għad-dħul minn oħrajn fil-post tiegħu ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew b'dixxiplina tal-ġenituri. Dan id-dritt huwa wkoll limitat bil-mod preskritt fis-sub-inċiż 2 tal-istess artikolu.

**57.** Ġie stabbilit mill-QEBD li l-osservanza tal-artikolu 6 fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jinvolvu miżuri ta' indħil f'xi wieħed mill-erba' interessi protetti bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, jifforma parti mir-rekwiżiti proċedurali inerenti fl-istess artikolu Konvenzjonali (**Petrov and X v. Russia, § 101; Q and R v. Slovenia, § 96; Ribić v. Croatia, § 92; Fernández Martínez vs Spain [GC], § 147**). F'dan ir-rigward, il-Qorti tista' tqis it-tul tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet bħal dawn u kwalunkwe proċedimenti ġudizzjarji relatati (**T.C. v. Italy, §§ 56-57**).

**58.** Sabiex dewmien f'kawża jwassal għal vjolazzjoni tal-artikolu 8, in-natura ta' dik il-kawża afflita mid-dewmien ilmentat għandha għalhekk tinvolvi miżuri ta' indħil f' tal-anqas wieħed mill-erba' interessi protetti bl-artikolu 8, jiġifieri l-ħajja privata, il-ħajja tal-familja, d-dar u/jew korrispondenza. Hekk pereżempju l-inattivitá, nuqqas ta' diliġenza tal-Istat u t-tul eċċessiv tal-proċeduri għall-enforzar/eżekuzzjoni ta' deċiżjoni rigwardanti dritt ta' l-applikant biex jagħmel kuntatt ma' ibnu/bintu minuri jew għal kustodja/responsabbilitá parentali tiegħu/tagħha (**Mitovi v. the former Yugoslav Republic of Macedonia**, § 49; **Santos Nunes v. Portugal, §§ 54-56**) jew nuqqas tal-Istat milli jeżerċita diliġenza eċċezzjonali f'każijiet li jirrigwardaw ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u l-ulied fejn it-tul ta' żmien jista' de facto jiddetermina l-mertu (**Süß v. Germany, § 100; Strömblad v. Sweden, § 80; Ribić v. Croatia, § 92**); jew dewmien f'każijiet li jirrigwardaw tfal li qed jitqiegħdu taħt ordni ta' ħarsien (**W. v. the United Kingdom, §§ 62 and 64; McMichael v. the United Kingdom, § 92; T.P.**

**and K.M. v. the United Kingdom [GC], §§ 72-73**) jew li jirrigwardaw l-irtirar ta' responsabbiltá parentali/kustodja jew kunsens għal adozzjoni (**Strand Lobben and Others v. Norway [GC], §§ 212-213, 220**).

**L-effett ta' vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli fuq id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti sanċit fl-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni**

**59.** L-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni jinkludi fih tlett regoli distinti stabbiliti fl-ewwel parti tal-ewwel paragrafu, fit-tieni parti tal-ewwel paragrafu u fit-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu.

**60.** L-ewwel regola, stabbilita fl-ewwel parti tal-ewwel paragrafu, tenunċja l-prinċipju ġenerali li "*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha.*" Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD) stabbiliet li "*... By recognising that everyone has the right to the peaceful enjoyment of his possessions, Article 1 is in substance guaranteeing the right of property.*" (***Marckx v. Belgium*, § 63-6**).

**61.** It-tieni u t-tielet regoli, stabbiliti fit-tieni parti tal-ewwel paragrafu u t-tieni paragrafu, jippermettu każijiet partikolari ta' indħil f'dan id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjetá stabbilit fl-ewwel regola. It-tieni regola tippermetti ndħil fir-rigward ta' deprivazzjoni ta' "pussess" li jkun "*fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ħenerali tal-internazzjonali*". It-tielet regola umbagħad tirrikonoxxi d-"*dritt ta' Stat li*

*jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonij*iet oħra jew pieni." (tieni paragrafu)(**Sporrong and Lönnroth v. Sweden, § 61; Iatridis v. Greece [GC], § 55; J.A. Pye (Oxford) Ltd and J.A. Pye (Oxford) Land Ltd v. the United Kingdom [GC], § 52; Anheuser-Busch Inc. v. Portugal [GC], § 62; Ališić and Others v. Bosnia and Herzegovina, Croatia, Serbia, Slovenia and the Former Yugoslav Republic of Macedonia [GC], § 98; Immobiliare Saffi v. Italy [GC], § 44; Broniowski v. Poland [GC], § 134; and Vistiņš and Perepjolkins v. Latvia [GC], § 93; Former King of Greece and Others v. Greece [GC], § 50; Bruncrona v. Finland, § 65; Anheuser-Busch Inc. v. Portugal [GC], § 62**).

**62.** Ġie stabbilit li dan l-indħil ikun biss kompatibbli mal-ewwel artikolu protokollari jekk jissodisfa tlett kriterji - li jkun wieħed legali, magħmul għal skop leġittimu fl-interess ġenerali u jilħaq bilanċ ġust bejn l-interess ġenerali tal-komunitá u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu (**Cassar v. Malta § 43; Beyeler v. Italy [GC], §§ 108-114; Ališić and Others v. Bosnia and Herzegovina, Croatia, Serbia, Slovenia and the Former Yugoslav Republic of Macedonia [GC], § 108; Dr. Philip Saliba et vs Kummissarju tal-Artijiet et, Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), 16 ta' Ottubru 2008**).

**63.** Id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjetá huwa kjarament dritt ta' karattru pekunjaru. Għaldaqstant deċiżjonijiet mill-Istat dwar l-esproprju jew regolamentazzjoni tal-użu ta' proprjetá privata jew li taffettwa b'xi mod ieħor drittijiet pekunjarji jew drittijiet oħra ta' proprjetá ġew ikkunsidrati bħala suġġetti għad-dritt ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (**British-American Tobacco Company Ltd v. Holland, § 67; Raimondo v. Italy , § 43). Il-QEBD sabet li proċedimenti eċċessivament twal (Kunić v. Croatia, § 67; Machard v. France, § 15) jew miżuri oħra li kkontribwew għad-dewmien f'kawżi bħal dawn (Immobiliare Saffi v. Italy [GC], § 59**) kellhom ukoll impatt dirett fuq id-dritt tar-Rikorrenti għat tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħhom prottett fl-ewwel artikolu protokollari.

**64.** Partikolarment, ġie stabbilit b'mod ġenerali li n-nuqqas li tiġi żgurata l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ġudizzjarja finali kontra l-Istat, fejn din id-deċiżjoni tkun tikkonċerna talbiet pekunjarji, jammonta għal ksur kemm tal-Artikolu 6 kif ukoll tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 (**Immobiliare Saffi v. Italy [GC], § 63; Hornsby v. Greece, § 40; De Luca v. Italy, § 66; Burdov v. Russia (no. 2), § 65**). Dan għaliex, kif jirrizulta mill-konsiderazzjonijiet legali tal-artikolu 6 senjalati iktar il-fuq f'din is-sentenza, l-eżekuzzjoni/infurzar ta' sentenza mogħtija min qorti hija meqjusa bħala parti integrali tal-proċeduri għall-finijiet ta' kalkolu taż-żmien rilevanti fit-termini tal-Artikolu 6 (ara wkoll **Hornsby v. Greece, § 40; Burdov v. Russia, § 34**).

**65.** Ħafna drabi il-QEBD madanakollu kkonkludiet li, f'każijiet fejn il-proċeduri ċivili dwar dritt ta' proprjetà damu għal żmien eċċessivament twil, huwa biżżejjed li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni biss. Tabilħaqq, f'każijiet bħal dan odjern fejn ir-rikorrenti jargumenta li t-tul tal-proċedimenti waħdu kien jammonta għal tfixkil kontinwu għad-dritt għall-proprjetà, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li mhuwiex meħtieġ li jiġi eżaminat it-tul tal-proċedimenti lmentat taħt l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 (**Zanghì v. Italy** § 23).

**Konsiderazzjonijiet**

**66.** Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkunsidra l-ilment kostituzzjonali b'applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali stabbiliti u delinjati aktar il-fuq f'din is-sentenza. Di piu' din il-Qorti taghmel refrenza ghal dak li jiktbu l-Awturi fuq il-materja fost ohrajn li *"When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assess the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case. The interests of the person concerned in as prompt a decision as possible will have to be weighed against the demands of a careful examination and a proper conduct of the proceedings…" (***ara Van Dijk, P. u van Hoof, G. J. H., Theory and Practice of the European**

**Convention on Human Rights Kluwer Law (The Hague) 1998, pp. 446-449**).

<u>**Dewmien ilmentat fil-proċeduri ċivili numru 36/85**</u>

**67.** Joħroġ mill-fatti senjalati supra li r-rikorrenti istitwixxa din l-azzjoni ċivili quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ a tenur tal-artikolu 5(3) tal-Att 1 tal-1983, fis-sena 1985. Dan l-artikolu kien jagħti d-dritt lir-Rikorrenti li jipproċedi quddiem il-Bord mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Parlament, mingħajr il-ħtieġa li qabel jittieħdu xi passi proċedurali preliminari. Għaldaqstant *id-dies a quo* tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien f'dawn il-proċeduri lmentati mir-rikorrenti bdew jiddekorru mid-data ta' meta r-Rikorrenti għoġbu jistitwixxi l-azzjoni, jiġifieri **fis-sena 1985**. Dan in virtù ta' dak ritenut mil-QEBD, u applikat fil-ġurisprudenza tagħna fis-sentenzi ġia ċitati supra fil-konsiderazzjonijiet legali (**Poiss v. Austria, § 50; Bock v. Germany, § 35; Portington v. Greece §20**).

**68.** Hekk kif ġie ritenut mill-QEBD u applikat fil-qrati tagħna, id-*dies ad quem* ta' dan il-kejl taż-żmien rilevanti huwa l-mument fejn l-ilment in disputa jkun ġie solvut b'sentenza li tkun definittiva, finali <u>u eżegwita/enforzata</u> (**Poiss v. Austria**, **ibid; Blake v. the United Kingdom §40; König v. Germany § 98; Kudła v. Poland §122**). Dan iż-żmien għalhekk ikopri wkoll l-istadju tal-appell (**König v. Germany**, § **98 in fine; Kudła v. Poland §122**) u ma jeskludix l-istadji susegwenti s-sentenza fuq il-mertu (**Robins v. the United Kingdom, §§ 28-29**).

**69.** L-azzjoni ċivili istitwita mir-rikorrent quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ ġiet konkluża fl-ewwel stadju b'sentenza mogħtija mill-istess Bord fit-**28 ta' Jannar 1997**. Madanakollu, billi din is-sentenza għadha sal-llum ma ġietx eżegwita/enforzata, l-ilment in disputa għadu ma huwiex solvut. Għaldaqstant u b'applikazzjoni għal konsiderazzjonjiet legali esposti supra, iż-żmien li qed jittieħed sabiex tiġi eżegwita/enforzata s-sentenza mogħtija mill-Bord għandu jitqies bħala parti integrali tal-proċeduri għall-finijiet ta' kalkolu taż-żmien rilevanti fit-termini tal-Artikolu 6. Dan iż-żmien ma jieqafx għaddej sakemm id-dritt asserit fil-proċeduri jsir effettiv (**Estima Jorge v. Portugal, §§ 36-38**).

**70.** Jirriżulta għalhekk li l-proċeduri ċivili fil-kawża numru 36/85 istitwiti fis-sena 1985 għadhom s'issa, 38 sena wara, ma ġewx konklużi.

**71.** Dan id-dewmien huwa bla dubju inordinatament twil u in eċċess ta' dak raġjonevolment meħtieġ sabiex il-ġustizzja tiġi amministrata b'mod tajjeb u xieraq a tenur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

**72.** Huwa veru li l-Qorti Ewropea ma preskrivitx terminu oġġettiv ta' żmien li kawża tista tieħu biex tiġi konkluża fiż-żmien raġjonevoli. Tabilħaqq hija minflok stabbilit li l-kejl tar-raġjonevolezza taż-żmien għandu jitqies wara li jiġu applikati l-erba' kriterji (ġia fuq esposti) għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ, jew wara valutazzjoni ġenerali meta dawn il-kriterji jkunu intimament relatati (ara kunsiderazzjonijiet legali supra).

**73.** Jirriżulta iżda li, hekk kif siltet is-CEPEJ fl-istudju tagħha, fil-ġurisprudenza tagħha konċernanti d-dewmien tal-proċeduri, l-QEBD tagħt linji gwida fuq dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli. Hija ġeneralment qieset id-durata taż-żmien sa sentejn f'kull istanza tal-Qorti, fejn il-każijiet ma humiex kumplessi, bħala raġonevoli. Fejn il-proċeduri damu iktar min sentejn, il-QEBD eżaminat il-każ bi skrutinju sabiex tiddetermina jekk kienx hemm raġunijiet oġġettivi għal dan id-dewmien, bħal kumplessita tal-każ jew jekk l-awtoritajiet nazzjonali wrewx diliġenza fil-proċedimenti. F'każijiet kumplessi, il-QEBD ippermettiet żmien itwal, iżda tagħt attenzjoni speċjali għal perjodi ta' inattivitá li huma b'mod ċar eċċessivi. L-itwal ħin aċċettat mill-Qorti mandankollu huwa tarament aktar minn ħames snin u kważi qatt aktar minn tmien snien ta' dewmien.

**74.** Fil-każijiet meqjusa bħala ta' prijoritá li fihom kwistjoni partikolari hija f'riskju, il-Qorti sabet ksur anke jekk il-każ dam inqas min sentejn f'kull stadju tal-proċeduri. L-uniċi każijiet li fihom il-Qorti ma sabitx ksur minkejja t-tul manifestamet eċċessiv tal-proċeduri kienu każijiet fejn l-imġieba ta' l-applikant kienet fattur ewlieni.

**75.** Difatti, kif ġia kkunsidrat supra, l-Istat ma jinżammx responabbli għal dewmien ikkawżat b'riżultat ta' l-aġir tal-parti li qed tilmenta. Dan peress li l-kondotta tal-parti msemmija tikkostitwixxi fatt oġġettiv li l-istat m'għandux kontroll fuqha u li għalhekk ma jistax jiġi attribwit lilu (**Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], §211; Poiss v. Austria § 57; Wiesinger vs Austria § 57; Humen v. Poland [GC] § 66** ġia ċitati supra).

**76.** Iżda biex qorti kostituzzjonali ma ssibx ksur minħabba f'hekk, hija m'għandhiex tikkunsidra jekk l-imġieba tar-rikorrenti kienetx jew le attiva favur it-tħaffif tal-proċeduri. F'dan is-sens il-Qorti sejra tiskarta l-pretensjoni tal-Avukat tal-Istat li r-rikorrenti messu talab ir-riassenjament tal-kawża a tenur tal-artikolu 195(5)(b) tal-Kap 12 (ara nota a' fol 179). Kif insenjat fil-kunsiderazzjonijiet ġurisprudenzjali fuq esposti, l-Artikolu 6§1 ma jeħtieġx li l-parti li qed tilmenta tikkopera b'mod attiv ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji biex tħaffef il-proċeduri (**Erkner and Hofauer v. Austria § 68**).

**77.** Kif stabbilit il-QEBD, il-persuna konċernata hija meħtieġa biss li turi diliġenza fit-twettiq tal-każ tagħha, li żżomm lura milli tuża tattiċi ta' dewmien u li tużuffruwixxi ruħha mill-azzjonijiet disponibbli fil-liġi domestika għat-tqassir tal-proċeduri. Iżda ma hija taħt l-ebda dmir li tieħu azzjoni li ma hiex adattata għal dak il-għan (**Unión Alimentaria Sanders SA vs Spain, QEBD, 7 ta' Lulju 1989, §35**).

**78.** Anke hawn però, biex l-Istat ma jinstabx responsabbli ta' ksur tal-artikolu 6 minħabba nuqqas ta' din id-diliġenza meħtieġa jew tattiċi ta' dewmien tal-applikant, huwa jrid juri li l-kondotta tal-"*awtoritajiet tal-istat kollha – <u>mhux biss il-qrati</u>"*, inkluż għalhekk l-awtoritá intimata, kienet waħda li, bl-azzjonijiet u miżuri meħuda minnhom, għamlu li setgħu biex jiżguraw s-smiegħ tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli u biex <u>iħaffu l-infurzar/eżekuzzjoni</u> tas-sentenza finali kif irid l-artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni (ara sentenzi ġia ċitati supra bħal **Martins Moreira vs**

**Portugall § 60; Pafitis and Others v. Greece § 93; Tierce v. San Marino § 31; Sürmeli v. Germany [GC] § 129; Guincho v. Portugal §32; Buchholz v. Germany §50; Capuano v. Italy §§24-25; Baraona v. Portugal §48; Martins Moreira v. Portugal §46; Neves e Silva v. Portugal §43; Union Alimentaria Sanders S.A. v. Spain §§34; Vernillo v. France §30; Scopelliti v. Italy §25; Ciricosta and Viola v. Italy §30; Mincheva v. Bulgaria § 68**).

**79.** Tabilħaqq, sabiex dewmien ma jiġix attribwibbli lill-Istat, il-kondotta tal-awtoritajiet kompetenti li tagħhom l-Istat huwa responsabbli trid tkun waħda kapaċi li tiggarantixxi lill-kullħadd id-dritt għal deċiżjoni finali fuq kwistjonijiet ta' drittijiet u obbligi ċivili fi żmien raġonevoli, kif ukoll l-infurzar/eżekuzzjoni f'waqtha tal-istess deċiżjoni (**Comingersoll S.A. v. Portugal** u **Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania** ġia ċitati supra).

**80.** L-inkartament preżentat fl-atti tal-proċeduri kostituzzjonli numru 581/97 hawn allegati ma jitfa ebda dawl fuq x'kien il-kaġun tad-dewmien fl-ewwel erba' snin tal-proċeduri ċivili numru 36/85, jiġifieri mis-sena 1985 li fiha ġiet istitwita, sas sena 1989. Di piu' jirrizulta li min dik is-sena il-quddiem, il-proċeduri msemmija kienu milquta minn dewmien konsiderevoli konsegwenza ta' differimenti inutli li saru fuq ordni tal-istess Bord (fol 42, 44, 45, 68) jew għax iċ-Chairman kien impenjat f'kawża kostituzzjonali jew qorti Kriminali (fol 22, 28), jew għax il-Bord mhux kostitwit (fol 27, 29, 30,

31, 56, 57), jew għax ma deher ħadd (fol 23), jew minħabba riferta negattiva fir-rigward tar-Rikorrenti (fol 39 u 43), jew għax il-legali tar-Rikorrenti ma jkunx deher (fol 41, 46), jew fuq talba mhux opposta tar-Rikorrenti (fol 47, 54, 55), jew minħabba l-elevazzjoni tac-chairman tal-Bord għal-Imħallef (fol 67), jew għar-rapport (70, 71) jew mingħajr raġuni wara li ġeneralment ikun deher biss l-intimat jew ir-rikorrenti mingħajr il-legali tiegħu (fol 21, 24, 25, 38, 65, 66). Jidher li l-proċeduri ġew ukoll differiti sine die minħabba xi kawża pendenti quddiem Qorti Kostituzzjonali li setgħet taffettwa l-mertu tal-kawża ċivili (fol 32, 36).

**81.** Joħroġ minn dan l-inkartament li l-Bord kien għal kollox indifferenti għad-dewmien li kien qed jittieħed biex ir-Rikorrenti jippreżenta l-provi quddiemu. Huwa difatti baqa' jiddiferixxi l-kawża mingħajr ma ħa ebda azzjoni u /jew miżuri biex iħeġġeġ l-avukat tar-rikorrent iwettaq b'mod attiv id-dmirijiet proċedurali tiegħu billi jfittex iħaffef il-produzzjoni minnu tal-provi. Dan apparti l-bqija tad-differimenti li saru fuq raġunijiet oħra imputabbli lill-Istat innifsu, liema raġunijiet *"ma jistgħux jeżoneraw l-Istat, li huwa responsabbli sabiex jiżgura li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun organizzata sew" (***Lechner u Hess vs Austria § 58**, ġia fuq ċitata).

**82.** Kif joħroġ b'mod eżawrjenti fil-konsiderazzjonijiet legali supra, l-istat ma jistax jinqeda bl-imġieba u l-attitudni passiva tal-avukati tal-partijiet sabiex jiġġustifika dak il-perjodu inordinatament twil u eċċessiv ta' inattivitá. Ir-responsabbiltá ewlenija għall-preparament ta' każ u għat-tmexxija

mgħaġġla tas-smiegħ tal-kawża taqa taħt il-qorti. Dewmien kaġunat minn differimenti ħabba nuqqas ta' attendenza tal-persuni rilevanti, bħal ma huma xhieda u rappreżentanti legali, taqa' fuq il-Qrati nazzjonali (**Capuano vs Italy § 30-31; Zakkarija Calleja vs. Avukat Ġenerali; Versini v. France § 29; Sürmeli v. Germany [GC], § 129; Tychko v. Russja, § 68; Andrew Ellul Sullivan et vs L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika et**; ġia ċitati).

**83.** L-Awtoritá intimata mbagħad, minflok ma ħadet il-passi neċessarji sabiex id-deċiżjoni kif mogħtija mill-Bord tiġi eżegwita/enforzata b'ħeffa, saħħa din ingħatat wara perjodu inġustifikabbilment twil ta' tnax il-sena, kompliet taggrava l-vjolazzjoni ta' dan id-dritt għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli bin-nuqqas tagħha li taffettwa l-ħlas hemm ordnat. Dan in-nuqqas għadu jippersisti sal-lum, sitta u għoxrin sena wara d-deċiżjoni tal-Bord.

**84.** Il-Qorti hija perplessa kif l-Awtoritá qed tittenta tixħet dan in-nuqqas tagħha fuq ir-Rikorrenti bir-raġuni li "*Joseph Bartolo naqas li jipproduċi kuntratt ta' "Waiver" jew "Kanċellament" tal-ipoteki reġistrati fuq l-art in kwistjoni*" (ara affidavit ta' Dr. Marisa Grech a' fol 150). Dan meta l-Istat akkwista l-art tar-Rikorrenti bis-saħħa tal-artikolu 5 tal-Att 1 tal-1983, jiġifieri "*b'xiri assolut u bi proprjetá assoluta, libera u franka minn kull piż, ipoteka jew privileġġ taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza*", "*mingħajr ħtieġa ta' xi formalitá oħra meħtieġa b'liġi*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

**85.** A tenur tal-artikolu 5 appena ċitat, l-art ġiet akkwistata ħielsa minn kull piż, ipoteka jew privileġġ, bla ħtieġa ta' ebda formalitá bħal kanċellament jew waiver. Ma kien hemm għalhekk qatt xejn xi jżomm lill-Awtoritá intimata milli minnufih tfittex teżegwixxi/tenforza l-ordni mogħtija mill-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet fid-deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' Jannar 1997.

**86.** Huwa veru li s-sinjifikat tal-eżitu għar-rikorrenti f'dawn il-proċeduri ma kienx tali li joħloq ħtieġa li dawn il-proċedimenti jiġu ndirizzati bi prioritá u b'urġenza. Dan billi ma kienx hemm fatturi partikolari li jinvolvuhom (bħal dawk fuq senjalati). Li proċediment jiġi stradat b'diliġenza madankollu jibqa' dejjem inkombenti fuq l-awtoritajiet nazzjonali, anke fejn ma hiex hekk meħtieġa diliġenza speċjali. Il-fatt li l-proċediment ma jenħtieġx li jitmexxa b'diliġenza speċjali, ċertament ma jeżonerax lill-Qorti u l-awtoritajiet nazzjonali milli jonoraw ir-rekwiżit impost bl-artikolu 6§1.

**87.** Dan aktar u aktar meta jitqies li dawn il-proċeduri la kienu jinvolvu numru kbir ta' partijiet jew il-produzzjoni ta' volum kbir ta' provi, rapporti peritali u/jew smiegħ ta' xhieda, la kienu kawżi bla preċedent, la nqalgħalhom xi ħtieġa li tintalab deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-interpretazzjoni ta' xi liġi Ewropea u lanqas kienu milquta min-nuqqas ta' kjarezza u prevedibbiltá fil-liġi. Għaldaqstant il-kwistjonijiet fattwali, proċedurali u/jew legali marbuta mal-każ hawn ilmentat ma kienu jinvolvu

ebda kumplessitá partikolari li setgħet tirrikjedi iktar żmien minn dak ġeneralment mistenni sabiex jiġu konklużi.

Dewmien tal-azzjoni Kostituzzjonali numru 581/97

**88.** Ir-rikorrent jissottometti li d-dewmien ta' din l-azzjoni jivvjola wkoll id-dritt konvenzjonali u kostituzzjonali ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli għaliex wassal sabiex jiġi mċaħħad lilu l-kumpens mistħoqq (ara nota a' fol 171).

**89.** L-uniku kumpens li ġie dikjarat bħala mistħoqq lir-rikorrent huwa dak ordnat mill-Bord fid-deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 1997 mogħtija wara l-azzjoni ċivili numru 36/85 istitwita mill-istess Rikorrenti. Il-Qorti għalhekk tifhem li huwa dan il-kumpens li r-rikorrenti qed jilmenta li ġie miċħud lilu konsegwenza tad-dewmien ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali.

**90.** Mill-konsiderazzjonijiet legali fuq esposti l-kondotta ta' qorti ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tittieħed in konsiderazzjoni fejn, għalkemm ma jkollhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi fuq il-mertu, is-Sentenza mogħtija minnha tkun taffettwa r-riżoluzzjoni tat-tilwima pendenti quddiem qrati ordinarji, f'dan il-każ il-Bord tal-Arbitraġġ (**Deumeland v. Germany, § 77; Pammel v. Germany, §§ 51-57; Süssmann v. Germany, § 39; Bieliński v. Poland, 2022, § 47**).

**91.** L-azzjoni kostituzzjonali hawn ilmentata ma ġietx istitwita fil-mori tal-proċeduri ċivili quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ iżda ftit iktar min xahar wara

d-deċiżjoni tal-istess Bord. Għaldaqstant bl-ebda mod ma jista' jingħad li d-dewmien ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali b'xi mod effettwaw ir-riżoluzzjoni tal-kawża ċivili numru 36/85 u ċaħdu lir-Rikorrenti mill-kumpens mistħoqq lilu. Lanqas ma ġie muri li d-dewmien fl-eżekuzzjoni/infurzar tad-deċiżjoni msemmija mill-Awtoritá Intimata ġie b'xi mod affettwat mid-dewmien ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali stitwiti minnu. Li kieku kien hekk, l-Awtoritá intimata kienet teffettwa l-kumpens ordnat malli l-proċeduri kostituzzjonali ġew konklużi definittivament fis-27 ta' Frar 2009. L-Awtoritá Intimata iżda għadha sal-lum tippersisti fin-nuqqas tagħha li teżegwixxi/tenforza l-ordni mogħtija fid-deċiżjoni msemmija.

**92.** Ladarba l-azzjoni kostituzzjonali minnu stitwita ma taffettwa bl-ebda mod il-kumpens mistħoqq lir-rikorrent, il-kondotta tal-qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali f'dawn il-proċeduri istitwiti mir-rikorrent bin-numru 581/97 m'għandhiex tiġi eżaminata minn din il-Qorti. Dan għaliex il-kumpens mistħoqq lir-Rikorrenti ma ġiex miċħud bid-dewmien ta' din l-azzjoni kostituzzjonali numru 581/97 iżda bid-dewmien tal-azzjoni ċivili numru 36/85 bil-mod ġia fuq ikkonsidrat.

**93.** Din il-Qorti għalhekk ser tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent limitatament sa fejn din tirrigwarda leżjoni manifesta tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem fil-proċeduri ċivili numru 36/85 istitwiti mir-Rikorrenti quddiem il-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet.

**94.** Il-Qorti sejra tilqa' s-seba u t-tmien eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u r-raba' eċċezzjoni tal-awtoritá intimata u tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti sa fejn tirrigwarda vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni. Dan għaliex, b'applikazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet legali ġia fuq esposti, ir-rikorrent ma seħlux juri li l-kawża ċivili numru 36/85 afflitta minn dan id-dewmien vjolanti d-dritt sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, tinvolvi miżuri ta' indħil li jaqgħu taħt, ta' lanqas, wieħed mill-erba' interessi protetti fl-imsemmi artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni.

**95.** Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tar-Rikorrenti sa fejn din tirrigwarda vjolazzjoni tal-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni. Dan għaliex, b'applikazzjoni tal-konsiderazzjonijiet legali ġia fuq senjalati, huwa suffiċjenti li l-Qorti tikkonstata ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni mingħajr il-ħtieġa li teżamina t-tul tal-istess proċedimenti taħt l-ewwel Artikolu protokollari.

**96.** Il-Qorti sejra tiċħad ukoll it-tielet eċċezzjoni tal-Awtoritá Intimata. Dan billi għandha ċertament twieġeb għal vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni minnha kommess bin-nuqqas persistenti tagħha f'li tenforza/teżegwixxi minnufih l-ordni mogħtija mil-bord fid-deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 1997 fl-atti tal-azzjoni ċivili numru 36/85.

**97.** Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis it-tieni talba rimedjali tar-Rikorrenti.

**98.** F'dan ir-rigward ġie ritenut li "*Skont il-Kostituzzjoni, kull persuna li tallega ksur ta' jedd fundamentali tista' titlob lil din il-Qorti "għal rimedju." (Art. 46(1)) li "tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq" (Art. 46(2)) tal-istess jedd. Il-Kostituzzjoni tagħna ma timponi l-ebda limitu la għat-tip ta' rimedju li jista' jintalab u jingħata u lanqas għat-tip ta' ordni li tista' tagħti din il-Qorti sabiex tiżgura t-twettiq effettiv tar-rimedju li jogħġobha tagħti fid-diskrezzjoni assoluta tagħha. Ir-rimedju li tista' tagħti din il-Qorti skont il-Kostituzzjoni "is not restricted, as in some other constitutions, to named remedies." (J.***J. Cremona, The Maltese Constitution and Constitutional History Since 1813, paġna 83, ippubblikat fil-1994***). *Cremona jammonixxi li "What on the practical plane gives special significance to the protection of these fundamental rights and freedoms is the provision which regulates their justiciability. Rights without remedies are of little practical value." [Ibid]*

*Skont il-Konvenzjoni, "Kull min ikollu miksura d-drittijiet u libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali..." (Art. 13).*" (ara **Michael Debarro vs Avukat tal-Istat**, **Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-11 ta' Frar 2021**);

**99.** Skont il-QEBD l-artikolu 13 jippermetti lill-Istat jagħżel bejn żewġ tipi ta' rimedji effettivi għal-vjolazzjoni tar-rekwiżit tas-smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli: rimedju preventiv u rimedju riparatorju, kompensatorju jew pekunjarju. Ir-rimedju preventiv huwa ddisinjat biex iħaffef il-proċeduri, fejn dawn ikunu għadhom pendenti. Dan sabiex ma jħallix li jsiru eċċessivament twal. Ir-rimedju riparatorju, kompensatorju jew pekunjarju jipprovdi rimedju għal dewmien *ex post facto*, jiġifieri għal dewmien li diġá seħħ, kemm jiekk il-proċeduri għadhom pendenti kif ukoll jekk dawn ikunu ġia ingħalqu (**Kudła v. Poland [GC], 2000 § 159; Mifsud v. France (dec.) [GC], 2002 § 17, Sürmeli v. Germany [GC], 2006, § 99**).

**100.** Il-QEBD spjegat li fejn sistema ġudizzjarja tiddifetta milli tħares ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli taħt l-Artikolu 6§1, ir-rimedju preventiv imfassal biex iħaffef il-proċeduri u ma jħallix li dawn isiru twal wisq huwa bla dubju u deċiżament l-aktar soluzzjoni effettiva (**Sürmeli v. Germany [GC], 2006, § 100; Wasserman v. Russia (no. 2), 2008, § 47; Burdov v. Russia (no. 2), 2009, § 98; Olivieri and Others v. Italy, 2016, §45**). Rimedju bħal dan joffri vantaġġ indisputabbli fuq rimedju merament kompensatorju. Dan peress li l-effett ta' rimedju preventiv, b'differenza min dak kompensatorju, ma huwiex li jirrimedja biss il-ksur *a posteriori* iżda li jipprevjeni wkoll sejbien ta' vjolazzjonijiet suċċessivi fir-rigward tal-istess proċedimenti (**Giuseppina and Orestina Procaccini v. Italy [GC], 2006, § 72; Scordino v. Italy (no. 1) [GC], 2006, § 183; Hiernaux v. Belgium, 2017, § 50**).

**101.** L-istess japplika għal-proċeduri konklużi b'sentenza finali iżda li għadha ma ġietx enforzata. Hawn il-QEBD tqis tal-akbar valur l-eżerċizzju ta' kwalunkwe mezz domestiku li jfittex jiżgura l-infurzar f'waqtu u b'hekk jiġi evitat ksur tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli (**Burdov v. Russia (no. 2), 2009, § 98**). Ġie ritenut madanakollu li, meta tingħata sentenza favur individwu kontra l-Istat, ta' l-ewwel m'għandux jiġi mġiegħel juża mezzi rimedjali preventivi bħal dawn. Dan għaliex huma primarjament l-awtoritajiet kompetenti tal-istat, u mhux l-individwu, li fuqhom jaqá d-dmir li jikkonformaw mas-sentenza mogħtija billi jenforzawha. Huma l-istess awtoritajiet kompetenti li għandhom jużaw il-mezzi kollha disponibbli fis-sistema legali domestika sabiex iħaffu l-infurzar, u b'hekk jipprevjenu ksur tal-Konvenzjoni (**Akashev v. Russia, 2008, §§ 21-22**).

**102.** Filwaqt li rimedju preventiv huwa preferibbli, rimedju kompensatorju jistá xorta jitqies bħala effettiv meta l-proċedimenti jkunu diġa eċċessivament twal u m'hemm l-ebda rimedju preventiv disponibbli (**McFarlane vs Ireland [GC] § 108; Kudła v. Poland [GC], 2000, § 158; Scordino v. Italy (no. 1) [GC], 2006, § 187**). Madanakollu rimedju bħal dan jitqies effettiv biss jekk ikun adegwat, xieraq, suffiċjenti u aċċessibli tenut kont tat-tul eċċessiv tal-proċeduri ġudizzjarji (**Mifsud v. France (dec.) [GC], 2002, § 17**).

**103.** Il-QEBD hija għaldaqstant tenuta li tivverifika jekk il-mod li bih qed tiġi applikata u nterpretata l-liġi domestika joħloqx konsegwenzi li huma

konsistenti mal-prinċipji tal-Konvenzjoni kif interpretati fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-istess QEBD (**Burdov v. Russia (no. 2), 2009, § 99**). Il-QEBD stabbilit għal dan il-għan ħames kriterji ewlenin li rimedju kompensatorju għandu jissodisfa sabiex jitqies bħala effettiv (**Burdov v. Russia** (**no. 2), 2009, § 99; Valada Matos das Neves v. Portugal, 2015, § 73; Wasserman v. Russia (no. 2), 2008, §§ 49-51**). Dawn huma:

1. Azzjoni għal kumpens għandha tinstema fi żmien raġonevoli (**Scordino v. Italy (no. 1) [GC], 2006, § 194**);
2. Il-kumpens għandu jingħata minnufih, prinċiplament mhux iktar tard minn sitt xhur wara s-sentenza li tkun tgħat il-kumpens issir enforzabbli (**Scordino v. Italy** (no. 1**) [GC], 2006, § 198**);
3. Il-liġijiet proċedurali li jirregolaw azzjoni għal kumpens għandhom ikunu konformi mal-prinċipji ta' ekwitá garantiti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (**Scordino v. Italy (no. 1) [GC], 2006, § 200**);
4. Il-liġijiet li jirregolaw l-ispejjeż legali għandhom ifittxu li jevitaw milli jqiegħdu r-rikorrenti taħt piż eċċessiv fejn l-azzjoni tiegħu hija ġustifikata (**Scordino v**. **Italy (no. 1) [GC], 2006, § 201**);
5. Il-kumpens mogħti m'għandux ikun irraġonevoli meta mqabbel ma dak mogħti mill-QEBD f'każijiet simili (**Scordino v. Italy (no. 1) [GC], 2006, §§ 202-206 and 213**). Madanakollu, ammont ta' kumpens mogħti bħala rimedju fuq livell domestiku ma jiġix reż ineffettiv għax sempliċiment ma jkunx jikkorrispondi ma dak mogħti mill-QEBD f'każijiet simili (**Rišková v. Slovakia, 2006, § 100; Kaić and Others v. Croatia, 2008, §§ 39 and 42**).

**104.** Hija l-kombinazzjoni ta' diversi fatturi flimkien li jistgħu jagħmlu r-rimedji ineffettivi. Il-Qorti sabet għalhekk ksur tal-artikolu 13 meta, fid-dawl tal-artikolu 6 § 1 rat li:

a. Fejn ir-rikorrenti ma jkunx irċieva kumpens suffiċjenti u lanqas ikunu ġew imħeffa l-proċeduri. Hemmhekk l-istess kumpens li, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, kien ikun mod ieħor jitqies effettiv, jiġi reż ineffettiv u

b. Fejn ma setax jinkiseb rimedju malajr flimkien ma għoti insuffiċjenti ta' danni (**Wasserman v. Russia (no. 2), 2008, §§ 54-58**).

**105.** Ġie rakkomandat li, bħala soluzzjoni ideali għall-problema ta' dewmien eċċessiv, iż-żewġ forom ta' dawn ir-rimedji jiġu kkombinati flimkien (ara **Recommendation *Rec(2004)6* of the Committee of Ministers to member states on the improvement of domestic remedies** *(adopted by the Committee of Ministers on 12 May 2004, at its 114th Session)*.

**106.** Ċerti Stati bħal l-Awstria, il-Kroazja, Spanja, Polonja u Slovakja għażlu li japplikaw din it-tip ta' soluzzjoni (**Cocchiarella v. Italy [GC], 2006, § 77; Scordino v. Italy (no. 1) [GC], 2006, § 186**). Stati bħal dawn li jikkombinaw dawn iż-żewġ rimedji jistgħu jagħtu ammonti li huma inqas minn dawk mogħtija mill-QEBD. Madankollu, l-ammont m'għandux ikun irraġonevoli meta mqabbla mas-sentenzi mogħtija mill-istess QEBD f'każijiet simili (**ibid., § 213). Difatti fil-kawża Rutkowski and Others v.**

**Poland, 2015 (§§ 176 and 181-186),** il-QEBD sabet li l-kumpens mogħti lill-ewwel rikorrent ammonta għal 5.5% biss ta' dak li l-QEBD kienet tagħtih kieku ma kienx hemm rimedju domestiku. Hija għalhekk ikkonkludiet li dak l-ammont ma kienx jikkostitwixxi rimedju xieraq u suffiċjenti biex jikkumpensa għat-tul eċċessiv tal-proċedimenti.

**107.** Il-QEBD irriteniet li Stati Membri jistgħu wkoll jgħażlu li jintroduċu rimedju kompensatorju biss, mingħajr ma' dak ir-rimedju jitqies bħala ineffettiv (**Mifsud v. France (dec.) [GC**], **2002; Scordino v. Italy (no. 1) [GC], 2006, § 187; Burdov v. Russia (no. 2), 2009, § 99; Hiernaux v. Belgium, 2017 §§ 59-62**). L-Italja huwa eżempju ta' Stat li għażel li jintroduċi biss rimedju kompensatorju permezz tal-Att ta' Pinto tal-24 ta' Marzu 2001 li provda mezz ta' rimedju lill-vittmi ta' proċeduri irraġonevolment twal.

**108.** Ġie stabbilit li fejn stat bħal dan ikun ħa l-pass sinjifikanti li jintroduċi fil-liġi domestika tiegħu rimedju ta' kumpens, il-QEBD għandha tħallilu marġni ta' apprezzament aktar wiesgħa. Dan sabiex tippermettilu jorganizza dan ir-rimedju in konsistenza mal-prassi u s-sistema legali tiegħu stess u b'mod konsan mal-i*standards of living* fil-pajjiż in kwistjoni (**Cocchiarella v. Italy [GC], 2006, § 80**).

**109.** L-effettivitá ta' kumpens tiddependi mill-karatteristiċi partikolari tar-rimedju domestiku. Ir-rimedju mogħti abbażi tal-liġi domestika għandu madanakollu jibqa' wieħed effettiv, adegwat u aċċessibli (**Scordino v.**

**Italy, 29 Mar. 2006, §195**). Difatti l-QEBD sabet li r-rimedju introdott fl-Italja permezz tal-Att ta' Pinto ma kienx jissodisfa dawn l-kriterji prinċipalment minħabba dewmien eċċessiv fil-proċeduri għall-għoti ta' kumpens u minħabba ammonti ta' kumpens baxx. Dawn iż-żewġ kunsiderazzjoni għamlu r-rimedju ineffettiv, mhux xieraq u insuffiċjenti. Fis-sentenza **Scordino v. Italy** ġia riferuta, u tmien sentenzi oħra mogħtija fl-istess jum (**Riccardi Pizzati, Musci, Giuseppe Mostacciuolo (Nos. 1 and 2), Cocchiarella, Apicella, Ernestina Zullo, Giuseppina and Orestina Procaccini v. Italy, 29 ta' Marzu 2006**), il-QEBD għalhekk iċċarat ir-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti (ġia esposti supra) biex rimedju kompensatorju jitqies effettiv, b'mod partikolari, li għandu jitħallas ammont raġonevoli fi żmien daqstant ieħor raġonevoli.

**110.** Fir-rigward ta' danni pekunjarji, il-QEBD għarfet li l-qrati huma kjarament f'pożizzjoni aħjar biex jiddeterminaw l-eżistenza u l-quantum. Hija għalhekk ħalliet f'idejn il-Qrati nazzjonali sabiex jiddeterminaw l-ammont xieraq ta' danni pekunjarji bħala rimedju effettiv għall-ksur ta' smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli, dment li l-proċedura applikata hija konformi mal-prinċipji ta' ekwitá garantiti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni:

"*With regard to the concern to have a remedy affording compensation that complies with the reasonable-time requirement, it may well be that the procedural rules are not exactly the same as for ordinary applications for damages. <u>It is for each State to determine, on the basis of the rules</u>*

*applicable in its judicial system, which procedure will best meet the compulsory criterion of "effectiveness", provided that the procedure conforms to the principles of fairness guaranteed by Article 6 of the Convention*." (**Scordino vs Italy (No 1) [GC] §200, sottolinear ta' din il-Qorti)**.

**111.** Għal dak li jirrigwarda danni morali, il-QEBD fl-istess sentenza kompliet tistqarr f'para 204 u 205 is-segwenti:

"*Regarding non-pecuniary damage, the Court – like the Italian Court of Cassation (see its judgment no. 8568/05, paragraph 70 above) – assumes that there is a strong but rebuttable presumption that excessively long proceedings will occasion non-pecuniary damage. It also accepts that, in some cases, the length of proceedings may result in only minimal non-pecuniary damage or no non-pecuniary damage at all (see Nardone, cited above). The domestic courts will then have to justify their decision by giving sufficient reasons.*

*Moreover, in the Court's view, the level of compensation depends on the characteristics and effectiveness of the domestic remedy.*" (emfażi u sottolinear tal-Qorti)

**112.** Malta s'issa għad m'għandha l-ebda qafas legali li jistabbilixxi u jirregola r-rimedji effettivi għal-vjolazzjonijiet tar-rekwiżit ta' żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni. Id-determinazzjoni ta' dawn ir-rimedji hija għalhekk imħollija kompletament f'idejn l-eżerċizzju diskrezzjonali tal-Qrati Kostituzzjonali, dment li l-istess iħarsu l-kriterji kif stabbiliti mill-QEBD suesposti.

**113.** Il-**Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza John A. Said pro et noe vs L-Avukat Ġenerali datata 11 ta' Novembru 2011** kwotata wkoll mill-Avukat tal-Istat fin-nota tiegħu a' fol 132, applikat il-fehema li "*f'kazijiet bhal dawn fejn jirrigwarda dewmien, il-Qorti Kostituzzjonali generalment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma taghti kumpens bhala danni morali biex jaghmel tajjeb ghal lezjoni kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni civili.*" (ara wkoll is-**sentenza Gasan Enterprises Limited vs. Awtoritá ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, Qorti Kostituzzjonali, 3 ta' Frar 2009**).

**114.** Fin-nota tiegħu (a' fol 171), ir-rikorrent qiegħed jippretendi danni materjali fl-ammont ta' €18,313,888 rappreżentanti l-valur tal-proprjetá meħuda lilu kif indikata fir-rapport tal-perit ex parte mqabbad minnu datat 20 ta' Frar 2018 a' fol 120 (ara nota a' fol 171).

**115.** Il-Qorti mill-ewwel ssib li r-rikorrenti m'għandux raġun jippretendi dan l-ammont. Dan prinċipalment għaliex il-kumpens ta' LM4,700, ekwivalenti għal €10,948.05, stabbilit mil-bord fid-deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' Jannar 1997, ma kienx wieħed ibbażat fuq il-valur tal-art kif kien dak iż-żmien iżda fuq dak dispost fl-artikolu 7 tal-Att I tal-1983, jiġifieri l-prezz li bih ġiet akkwistata l-art mir-rikorrenti (ara rapport tal-Bord a' fol 72 tal-atti allegati

numru 581/97). Apparti dan, ir-rikorrenti sejjer jibbenefika wkoll mill-ħlas ta' imgħaxijiet legali li l-Awtoritá għandha tħallas lilu fuq dan l-ammont mid-data tal-esproprjazzjoni, jiġifieri mill-4 ta' Lulju 1983, sas-snin kollha li fihom l-Awtoritá intimata naqset milli teżegwixxi d-deċiżjoni tal-bord (ara deċiżjoni a' fol 77, ibid.). Dan l-imgħax, kalkolat bir-rata ta' 8%, jammonta għal €35,033.76 (€10,948.05 kumpens x 8% imgħax legali x 40 sena).

**116.** Il-Qorti sejra għaldaqstant, u in konformi ma dak stabbilit b'mod ġenerali fis-sentenza su ċitata **John A. Said pro et noe vs L-Avukat Ġenerali**.

**117.** Ladarba l-azzjoni ċivili numru 36/85 għadha ma hijiex konkluża minħabba n-nuqqas ta' eżekuzzjoni/enforzar tad-deċiżjoni mogħtija fit-28 ta' Jannar 1997 min-naħa tal-awtoritá intimata, il-Qorti tħoss ġust li tipprovdi għal rimedju preventiv sabiex tħaffef dawn il-proċeduri u ma tħallix li dawn ikomplu jitwalu inutilment. Pero' jistħoqq ukoll li li r-rikorrent jingħata kumpens morali għad-dewmien, liema kumpens ser ikun iffissat fis-somma ta' tletin elf ewro (€30,000).

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba tar-Rikorrenti** billi tiddikjara u tiddeċiedi li t-tul taż-żmien li qiegħed jittieħed sabiex jiġu konklużi l-proċeduri ċivili

numru 36/85 quddiem il-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet fl-ismijiet Joseph Bartolo vs Kummissarju tal-Artijiet huwa irraġonevoli bi vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

**Tilqa' s-seba u t-tmien eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u r-raba' eċċezzjoni tal-awtoritá Intimata** u konsegwentement **tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti sa fejn tirrigwarda vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni.**

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tar-rikorrent sa fejn din tirrigwarda vjolazzjoni tal-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni.**

**Tilqa' t-tieni talba tar-Rikorrenti** u tordna lill-Awtoritá Intimata sabiex teżegwixxi/tenforza l-ordni mogħtija mill-bord fid-deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 1997 fl-atti tal-imsemmija proċeduri ċivili numru 36/85 sa mhux aktar tard minn xahrejn minn din is-Sentenza.

Tiffissa s-somma ta' tletin elf ewro (€30,000) bħala kumpens morali li għandu jithallas lir-rikorrent.

Tikkundanna lill-Avukat tal-istat sabiex iħallas dan l-ammont lir-rikorrent bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

**Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Intimati.**

Għal kull bon fini din il-Qorti qegħdha tordna li kopja ta' din is-Sentenza tinġieb a konjizzjoni tal-Ispeaker tal-Kamra u tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili.

L-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mill-Avukat tal-Istat.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**